(11) Jenħtieġ li l-vjaġġaturi jkunu liberi li jagħżlu jekk jużawx ***kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali jew dokument tal-ivvjaġġar fiżiku għall-fini li jgħaddu minn verifiki fuq il-fruntieri u jenħtieġ li jkunu jistgħu jirtiraw il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data personali ***tagħhom*** fi kwalunkwe ħin mingħajr ma dan jaffettwa l-eliġibbiltà għall-qsim tal-fruntieri esterni. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8]u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom.	(11) ***L-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li dejjem ikun volontarju. Għalhekk,*** jenħtieġ li l-vjaġġaturi jkunu liberi li jagħżlu jekk jużawx ***kredenzjal*** tal-ivvjaġġar diġitali jew dokument tal-ivvjaġġar fiżiku għall-fini li jgħaddu minn verifiki fuq il-fruntieri u jenħtieġ li jkunu jistgħu jirtiraw il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data personali fi kwalunkwe ħin***,*** mingħajr ma dan jaffettwa l-eliġibbiltà ***tagħhom*** għall-qsim tal-fruntieri esterni. ***Fl-eżerċizzju ta' dik l-għażla, il-vjaġġaturi li jagħżlu li ma jużawx il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal ħinijiet ta' stennija itwal b'mod sproporzjonat, jew għal kwalunkwe forma oħra ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta.*** Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] u r-Regolament (UE) 2018/1725

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom.

[8] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

[9] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

[8] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj)

[9] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj)

Or. en

Emenda 89
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-vjaġġaturi jkunu liberi li jagħżlu jekk jużawx ***kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali jew dokument tal-ivvjaġġar fiżiku għall-fini li ***jgħaddu minn verifiki fuq il-fruntieri u*** jenħtieġ li jkunu jistgħu jirtiraw il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom fi kwalunkwe ħin mingħajr ma dan jaffettwa l-eliġibbiltà għall-qsim tal-fruntieri esterni. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mad-	(11) Jenħtieġ li l-vjaġġaturi jkunu liberi li jagħżlu jekk jużawx ***kredenzjal*** tal-ivvjaġġar diġitali jew dokument tal-ivvjaġġar fiżiku għall-fini li ***jsirulhom verifiki fil-fruntieri. Fil-każijiet kollha, il-vjaġġaturi xorta waħda jkollhom iġorru dokument tal-ivvjaġġar fiżiku, anki jekk ikunu qed jużaw kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali.*** Jenħtieġ li ***huma*** jkunu jistgħu jirtiraw il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom fi kwalunkwe ħin mingħajr ma dan jaffettwa

dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8]u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom.

l-eliġibbiltà għall-qsim tal-fruntieri esterni. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom.

[8] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

[9] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

[8] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj)

[9] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj)

Or. fi

Emenda 90
Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, Jaroslav Bžoch, António Tânger Corrêa, Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Susanna Ceccardi, Afroditi Latinopoulou
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jissostitwixxi, bl-ebda mod, l-eżistenza ta' dokumenti tal-ivvjaġġar fiżiċi, u d-dritt li

tali dokumenti jintużaw waħedhom. Jekk il-Kummissjoni tqis li tagħmel l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali possibbli mingħajr il-ħtieġa ta' dokument fiżiku sottostanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida lill-Kunsill u lill-Parlament.

Or. en

Emenda 91
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-verifiki bil-quddiem fuq il-fruntieri u l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-vjaġġaturi, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li ma jwasslux għal ħinijiet ta' stennija itwal għall-vjaġġaturi li ma jagħmlux użu mill-Kredenzjali tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.

Or. en

Emenda 92
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Fl-interess tal-iżgurar tal-konformità mad-dritt fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali u għall-promozzjoni taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li l-kontrollur u l-proċessur jiġu identifikati. Sabiex jiġu żgurati salvagwardji u sigurtà adegwati, ***il-komunikazzjoni kollha bejn ir-Router tal-Vjaġġatur u l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tiġi protetta permezz ta' metodi***	(12) Fl-interess tal-iżgurar tal-konformità mad-dritt fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali u għall-promozzjoni taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li l-kontrollur u l-proċessur jiġu identifikati. Sabiex jiġu żgurati salvagwardji u sigurtà adegwati, ***jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu wkoll taħriġ adegwat, li jkopri aspetti tas-sigurtà tad-data u tal-protezzjoni tad-data, lill-***

ta' kriptaġġ b'saħħithom sabiex kwalunkwe ksur potenzjali tad-data ma jkunx jinvolvi d-divulgazzjoni ta' data li tista' tiġi traċċata lura għal persuna. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu wkoll taħriġ adegwat, li jkopri aspetti tas-sigurtà tad-data u ***tal-protezzjoni tad-data, lill-awtoritajiet tal-fruntieri qabel ma jkunu jistgħu jipproċessaw id-data trażmessa permezz tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE***.

awtoritajiet tal-fruntieri qabel ma jkunu jistgħu jipproċessaw id-data disponibbli għalihom permezz tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li kwalunkwe data trasferita mill-applikazzjoni tiġi kriptata minn tarf sa tarf b'mod awtomatiku, sabiex titqies is-sensittività tad-data u ***jiġi evitat u mminimizzat l-impatt ta' inċidenti ta' sigurtà fuq l-utenti u s-sistema kollha kemm hi***.

Or. en

Emenda 93
Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Fl-interess tal-iżgurar tal-konformità mad-dritt fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali u għall-promozzjoni taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li l-kontrollur u l-proċessur jiġu identifikati. Sabiex jiġu żgurati salvagwardji u sigurtà adegwati, il-komunikazzjoni kollha bejn ir-Router tal-Vjaġġatur u l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tiġi protetta permezz ta' metodi ta' kriptaġġ b'saħħithom sabiex kwalunkwe ksur potenzjali tad-data ma jkunx jinvolvi d-divulgazzjoni ta' data li tista' tiġi traċċata lura għal persuna. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu wkoll taħriġ adegwat, li jkopri aspetti tas-sigurtà tad-data u tal-protezzjoni tad-data, lill-awtoritajiet tal-fruntieri qabel ma jkunu jistgħu jipproċessaw id-data trażmessa permezz tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	(12) Fl-interess tal-iżgurar tal-konformità mad-dritt fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali u għall-promozzjoni taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li l-kontrollur u l-proċessur jiġu identifikati. Sabiex jiġu żgurati salvagwardji u sigurtà adegwati, il-komunikazzjoni kollha bejn ir-Router tal-Vjaġġatur u l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tiġi protetta permezz ta' metodi ta' kriptaġġ ***u ta' anonimizzazzjoni*** b'saħħithom sabiex kwalunkwe ksur potenzjali tad-data ma jkunx jinvolvi d-divulgazzjoni ta' data li tista' tiġi traċċata lura għal persuna. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu wkoll taħriġ adegwat, li jkopri aspetti tas-sigurtà tad-data u tal-protezzjoni tad-data, lill-awtoritajiet tal-fruntieri qabel ma jkunu jistgħu jipproċessaw id-data trażmessa permezz tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.

Or. bg

Emenda 94
Krzysztof Brejza, Oliver Schenk

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]jenħtieġ li tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. Konsegwentement, jenħtieġ li l-eu-LISA tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, inkluż għall-iżvilupp, il-monitoraġġ u r-rapportar tas-sistema. Qabel il-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, jenħtieġ li jitwettaq test f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mill-eu-LISA f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti. L-eu-LISA jenħtieġ li tiġbor ukoll statistika dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	(13) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] jenħtieġ li tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. Konsegwentement, jenħtieġ li l-eu-LISA tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, inkluż għall-iżvilupp, il-monitoraġġ u r-rapportar tas-sistema. Qabel il-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, jenħtieġ li jitwettaq test f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mill-eu-LISA f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti. L-eu-LISA jenħtieġ li tiġbor ukoll statistika dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. ***Id-data statistika miġbura mill-eu-LISA għandha tinkludi data rilevanti għall-evalwazzjoni tal-użabbiltà u l-effettività ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-eu-LISA tiġbor data li tippermetti l-monitoraġġ u s-sorveljanza tar-rotot migratorji, inkluża statistika dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew miċħuda d-dħul, ir-raġunijiet għar-rifjut u n-nazzjonalità tal-persuni f'konformità mar-Regolament 2016/399. Jenħtieġ li l-istatistika miġbura ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' vjaġġaturi individwali.***
[10] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-	[10] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-

Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

Or. en

Emenda 95
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] jenħtieġ li tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. Konsegwentement, jenħtieġ li l-eu-LISA tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, inkluż għall-iżvilupp, il-monitoraġġ u r-rapportar tas-sistema. Qabel il-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, jenħtieġ li jitwettaq test f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mill-eu-LISA f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti. L-eu-LISA jenħtieġ li tiġbor ukoll statistika dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	(13) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] jenħtieġ li tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. Konsegwentement, jenħtieġ li l-eu-LISA tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, inkluż għall-iżvilupp, il-monitoraġġ u r-rapportar tas-sistema. ***Jenħtieġ li s-sistema ssir kemm jista' jkun kosteffettiva mingħajr ma tikkompromitti kwistjonijiet ta' sigurtà u l-protezzjoni tad-data personali.*** Qabel il-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, jenħtieġ li jitwettaq test f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mill-eu-LISA f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti. L-eu-LISA jenħtieġ li tiġbor ukoll statistika dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE***, filwaqt li tiżgura li l-ġbir tad-data jkun volontarju għall-utent tal-applikazzjoni u li d-data kollha miġbura tkun mhux speċifika u tkun tirrispetta l-***

ogħla standards tal-privatezza.

[10] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) ***Nru*** 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) ***Nru*** 1077/2011 ***(***ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99***)***.

[10] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011***,*** ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99.

Or. fi

Emenda 96
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]jenħtieġ li tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. Konsegwentement, jenħtieġ li l-eu-LISA tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, inkluż għall-iżvilupp, il-monitoraġġ u r-rapportar tas-sistema. Qabel il-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, jenħtieġ li jitwettaq test f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mill-eu-LISA f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti. L-eu-LISA jenħtieġ li tiġbor ukoll statistika dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	(13) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] jenħtieġ li tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. Konsegwentement, jenħtieġ li l-eu-LISA tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, inkluż għall-iżvilupp, il-monitoraġġ u r-rapportar tas-sistema. Qabel il-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, jenħtieġ li jitwettaq test f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mill-eu-LISA f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti***, inkluża valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679***. L-eu-LISA jenħtieġ li tiġbor

ukoll statistika ***mhux personali u anonimizzata*** dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ***għall-fini unika li tevalwa l-effettività ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-ebda data ma tiġi kondiviża ma' partijiet terzi***.

[10] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

[10] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

Or. en

Emenda 97
Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] jenħtieġ li tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. Konsegwentement, jenħtieġ li l-eu-LISA tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, inkluż għall-iżvilupp, il-monitoraġġ u r-rapportar tas-sistema. Qabel il-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, jenħtieġ li jitwettaq test f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mill-eu-LISA	(13) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] jenħtieġ li tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. Konsegwentement, jenħtieġ li l-eu-LISA tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, inkluż għall-iżvilupp, il-monitoraġġ u r-rapportar tas-sistema. Qabel il-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, jenħtieġ li jitwettaq test f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mill-eu-LISA

f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti. L-eu-LISA jenħtieġ li tiġbor ukoll statistika dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti. L-eu-LISA jenħtieġ li tiġbor ukoll statistika ***anonimizzata*** dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.
[10] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).	[10] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

Or. bg

Emenda 98
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Filwaqt li l-eu-LISA jenħtieġ li tkun responsabbli għall-iżvilupp, l-operazzjoni u l-manutenzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, inkluż ir-Router tal-Vjaġġatur li jittrażmetti d-data tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li kull Stat Membru jkun responsabbli li jiżgura, fil-livell nazzjonali, konnessjoni sikura fis-sistema nazzjonali tiegħu sabiex jirċievi d-data dwar l-ivvjaġġar, inklużi l-iżvilupp, l-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' dik il-konnessjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu responsabbli wkoll għall-ġestjoni u l-arranġamenti għall-aċċess ta' persunal tal-awtoritajiet tal-fruntieri debitament awtorizzat għad-data tal-ivvjaġġar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 99
Jan-Christoph Oetjen, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Filwaqt li l-eu-LISA jenħtieġ li tkun responsabbli għall-iżvilupp, l-operazzjoni u l-manutenzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, inkluż ir-Router tal-Vjaġġatur li jittrażmetti d-data tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li kull Stat Membru jkun responsabbli li jiżgura, fil-livell nazzjonali, konnessjoni sikura fis-sistema nazzjonali tiegħu sabiex jirċievi d-data dwar l-ivvjaġġar, inklużi l-iżvilupp, l-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' dik il-konnessjoni. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu responsabbli wkoll għall-ġestjoni u l-arranġamenti għall-aċċess ta' persunal tal-awtoritajiet*** tal-fruntieri ***debitament awtorizzat għad-data tal-ivvjaġġar***.	(14) Filwaqt li l-eu-LISA jenħtieġ li tkun responsabbli għall-iżvilupp, l-operazzjoni u l-manutenzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, inkluż ir-Router tal-Vjaġġatur li jittrażmetti d-data tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li kull Stat Membru jkun responsabbli li jiżgura, fil-livell nazzjonali, konnessjoni sikura fis-sistema nazzjonali tiegħu sabiex jirċievi d-data dwar l-ivvjaġġar, inklużi l-iżvilupp, l-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' dik il-konnessjoni. ***Meta tfassal u tiżviluppa r-router, jenħtieġ li l-eu-LISA tiżgura li d-data trażmessa lill-awtoritajiet kompetenti*** tal-fruntieri ***tkun kriptata minn tarf sa tarf fit-tranżitu***.

Or. en

Emenda 100
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u biex jiġi promoss l-użu tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri jwettqu kampanji ta' informazzjoni dwar l-objettivi, l-użu u aspetti importanti oħra, inkluż dwar il-protezzjoni tad-data u s-	***imħassar***

sigurtà tad-data, tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.

Or. en

Emenda 101
Krzysztof Brejza, Oliver Schenk

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u biex jiġi promoss l-użu tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri jwettqu kampanji ta' informazzjoni dwar l-objettivi, l-użu u aspetti importanti oħra, inkluż dwar il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data, tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	(15) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u biex jiġi promoss l-użu tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri jwettqu kampanji ta' informazzjoni dwar l-objettivi, l-użu u aspetti importanti oħra, inkluż dwar il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data, tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. ***B'mod partikolari dawn il-kampanji għandhom jiffokaw fuq l-ilħuq tal-aktar gruppi rilevanti, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-applikazzjoni għandha l-akbar sinifikat minn perspettiva ta' sigurtà taż-żona Schengen. Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li l-individwi li jistgħu ma jkunux teknoloġikament profiċjenti jkunu infurmati b'mod ċar dwar il-benefiċċji tal-applikazzjoni u jingħataw gwida aċċessibbli u prattika dwar kif jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE b'mod sikur u sigur.***

Or. en

Emenda 102
Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, Jaroslav Bžoch, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Susanna Ceccardi, Afroditi Latinopoulou
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Sabiex ***tiżdied is-sensibilizzazzjoni*** pubblika dwar il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u ***biex jiġi promoss l-użu tagħhom***, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni, flimkien mal-eu-LISA,*** l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ***u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri jwettqu kampanji ta' informazzjoni dwar l-objettivi, l-użu u aspetti importanti oħra, inkluż dwar il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data, tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE***.	(15) Sabiex ***tiġi żgurata s-sensibilizzazzjoni*** pubblika dwar il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u ***l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE***, jenħtieġ li ***l-Istati Membri, meta xieraq, iwettqu kampanji ta' informazzjoni pubblika f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-eu-LISA, u*** l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta***. L-ambitu u l-ħtieġa għal tali kampanji jistgħu jvarjaw skont il-livelli ta' implimentazzjoni nazzjonali; pereżempju, fl-Istati Membri fejn il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali diġà qed jintużaw jew ġew pilotati, is-sensibilizzazzjoni pubblika jaf tkun diġà stabbilita biżżejjed, u għalhekk kampanji addizzjonali ma jkunux meħtieġa***.

Or. en

Emenda 103
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u biex jiġi promoss l-użu tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri jwettqu kampanji ta' informazzjoni dwar l-objettivi, l-użu u aspetti importanti oħra, inkluż dwar il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data, tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	(15) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u biex jiġi promoss l-użu tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri jwettqu kampanji ta' informazzjoni dwar l-objettivi, l-użu u aspetti importanti oħra, inkluż dwar il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data, tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE. ***Il-kampanji għandhom jitwettqu b'mod kosteffettiv.***

Or. fi

Emenda 104
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u biex jiġi promoss l-użu tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri jwettqu kampanji ta' informazzjoni dwar l-objettivi, l-użu u aspetti importanti oħra, inkluż dwar il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data, tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	(15) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u biex jiġi promoss l-użu tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri jwettqu kampanji ta' informazzjoni dwar l-objettivi, l-użu u aspetti importanti oħra, inkluż dwar il-protezzjoni tad-data***, id-dritt ta' rtirar tal-kunsens*** u s-sigurtà tad-data, tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.

Or. en

Emenda 105
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, il-kostijiet imġarrba mill-eu-LISA għat-twettiq tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/1726 fir-rigward tal-iżvilupp, l-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-ġestjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE jenħtieġ li jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni. ***L-Istati Membri għandhom jibqgħu responsabbli għall-kostijiet imġarrba fil-livell nazzjonali għall-iżvilupp, l-operazzjoni u l-***	(16) Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, il-kostijiet imġarrba mill-eu-LISA għat-twettiq tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/1726 fir-rigward tal-iżvilupp, l-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-ġestjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE jenħtieġ li jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni.

manutenzjoni tal-konnessjoni sigura għar-riċeviment tad-data tal-ivvjaġġar trażmessa permezz tar-Router tal-Vjaġġatur.

Or. en

Emenda 106
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tiġi stabbilita l-ispeċifikazzjoni standard tal-Unjoni għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004. Sabiex tingħata spinta lill-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, meta japplikaw għal dokument tal-ivvjaġġar jew meta jġedduh, jenħtieġ li ***l-applikanti jitħallew jitolbu li*** l-awtorità kompetenti toħroġ, flimkien mad-dokument fiżiku, kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti. Id-detenturi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar validi jenħtieġ li jkunu jistgħu joħolqu ***wkoll*** kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku eżistenti tagħhom. Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkunu jistgħu jinħażnu wkoll fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.	(19) Sabiex tiġi stabbilita l-ispeċifikazzjoni standard tal-Unjoni għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004. Sabiex tingħata spinta lill-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, meta ***l-applikanti*** japplikaw għal dokument tal-ivvjaġġar jew meta jġedduh, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ***awtomatikament*** toħroġ, flimkien mad-dokument fiżiku, kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti. Id-detenturi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar validi jenħtieġ li jkunu jistgħu joħolqu***, fuq talba tal-awtorità kompetenti,*** kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku eżistenti tagħhom. Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkunu jistgħu jinħażnu wkoll ***bħala attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi (QEAA)*** fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ***f'konformità mal-Artikolu 3(45) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014***.

Or. en

Emenda 107
Emil Radev

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tiġi stabbilita l-ispeċifikazzjoni standard tal-Unjoni għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004. Sabiex tingħata spinta lill-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, meta japplikaw għal dokument tal-ivvjaġġar jew meta jġedduh, jenħtieġ li l-applikanti jitħallew jitolbu li l-awtorità kompetenti toħroġ, flimkien mad-dokument fiżiku, kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti. Id-detenturi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar validi jenħtieġ li jkunu jistgħu joħolqu wkoll kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku eżistenti tagħhom. Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkunu jistgħu jinħażnu wkoll fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.	(19) Sabiex tiġi stabbilita l-ispeċifikazzjoni standard tal-Unjoni għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004. Sabiex tingħata spinta lill-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, meta japplikaw għal dokument tal-ivvjaġġar jew meta jġedduh, jenħtieġ li l-applikanti jitħallew jitolbu li l-awtorità kompetenti toħroġ, flimkien mad-dokument fiżiku, kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti. ***Ma jistgħux jinħarġu separatament mingħajr dokument tal-ivvjaġġar fiżiku validu.*** Id-detenturi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar validi jenħtieġ li jkunu jistgħu joħolqu wkoll kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku eżistenti tagħhom. Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkunu jistgħu jinħażnu wkoll fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

Or. bg

Emenda 108
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tiġi stabbilita l-ispeċifikazzjoni standard tal-Unjoni għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004. Sabiex tingħata spinta lill-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, meta japplikaw għal dokument tal-ivvjaġġar jew meta jġedduh, jenħtieġ li l-applikanti jitħallew jitolbu li l-awtorità kompetenti toħroġ, flimkien mad-dokument fiżiku,	(19) Sabiex tiġi stabbilita l-ispeċifikazzjoni standard tal-Unjoni għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004. Sabiex tingħata spinta lill-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, meta japplikaw għal dokument tal-ivvjaġġar jew meta jġedduh, jenħtieġ li l-applikanti jitħallew jitolbu li l-awtorità kompetenti toħroġ, flimkien mad-dokument fiżiku,

kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti. Id-detenturi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar validi jenħtieġ li jkunu jistgħu joħolqu wkoll kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku eżistenti tagħhom. ***Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkunu jistgħu jinħażnu wkoll fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.***	kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti. Id-detenturi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar validi jenħtieġ li jkunu jistgħu joħolqu wkoll kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku eżistenti tagħhom.
	Or. fi

Emenda 109
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tiġi stabbilita l-ispeċifikazzjoni standard tal-Unjoni għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004. Sabiex tingħata spinta lill-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, meta japplikaw għal dokument tal-ivvjaġġar jew meta jġedduh, jenħtieġ li l-applikanti jitħallew jitolbu li l-awtorità kompetenti toħroġ, flimkien mad-dokument fiżiku, kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti. Id-detenturi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar validi jenħtieġ li jkunu jistgħu joħolqu wkoll kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku eżistenti tagħhom. Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkunu jistgħu jinħażnu wkoll fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.	(19) Sabiex tiġi stabbilita l-ispeċifikazzjoni standard tal-Unjoni għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004. Sabiex tingħata spinta lill-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, meta japplikaw għal dokument tal-ivvjaġġar jew meta jġedduh, jenħtieġ li l-applikanti jitħallew jitolbu li l-awtorità kompetenti toħroġ, flimkien mad-dokument fiżiku, kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti. Id-detenturi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar validi jenħtieġ li jkunu jistgħu joħolqu wkoll kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku eżistenti tagħhom. Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkunu jistgħu jinħażnu wkoll***, fuq talba tal-persuna kkonċernata,*** fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.
	Or. en

Emenda 110
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tiġi stabbilita l-ispeċifikazzjoni standard tal-Unjoni għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004. ***Sabiex tingħata spinta lill-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali,*** meta japplikaw għal dokument tal-ivvjaġġar jew meta jġedduh, jenħtieġ li l-applikanti jitħallew jitolbu li l-awtorità kompetenti toħroġ, flimkien mad-dokument fiżiku, kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti. Id-detenturi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar validi jenħtieġ li jkunu jistgħu joħolqu wkoll kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku eżistenti tagħhom. Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkunu jistgħu jinħażnu wkoll fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.	(19) Sabiex tiġi stabbilita l-ispeċifikazzjoni standard tal-Unjoni għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004. Meta japplikaw għal dokument tal-ivvjaġġar jew meta jġedduh, jenħtieġ li l-applikanti jitħallew jitolbu li l-awtorità kompetenti toħroġ, flimkien mad-dokument fiżiku, kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti. Id-detenturi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar validi jenħtieġ li jkunu jistgħu joħolqu wkoll kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku eżistenti tagħhom. Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkunu jistgħu jinħażnu wkoll fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

Or. en

Emenda 111
Krzysztof Brejza, Oliver Schenk

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li ***l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkun volontarju*** għall-vjaġġaturi, sabiex jintlaħqu l-objettivi li tiżdied is-sigurtà fiż-żona Schengen kollha, li jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar u li jintlaħaq livell minimu ta' maturità diġitali fost l-Istati Membri kollha fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu obbligati jippermettu lill-vjaġġaturi jużaw ***kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali għall-fini	(21) Filwaqt li ***jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali*** għall-vjaġġaturi, sabiex jintlaħqu l-objettivi li tiżdied is-sigurtà fiż-żona Schengen kollha, li jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar u li jintlaħaq livell minimu ta' maturità diġitali fost l-Istati Membri kollha fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu obbligati jippermettu lill-vjaġġaturi jużaw ***il-kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali għall-fini

tal-qsim tal-fruntieri esterni ladarba l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tkun operazzjonali. Qabel dan, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet nazzjonali għall-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, f'konformità mal-format uniformi, għall-fini tal-verifiki fuq il-fruntieri.

tal-qsim tal-fruntieri esterni ladarba l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tkun operazzjonali. Qabel dan, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet nazzjonali għall-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, f'konformità mal-format uniformi, għall-fini tal-verifiki fuq il-fruntieri. ***Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà, tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni futura tagħhom fl-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u jiġi appoġġat approċċ armonizzat għall-ġestjoni tal-fruntieri fiż-żona Schengen kollha, tali soluzzjonijiet nazzjonali jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-istandards u l-prattiki internazzjonali rivelanti, bħall-istandards tekniċi tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).***

Or. en

Emenda 112
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkun volontarju għall-vjaġġaturi, ***sabiex jintlaħqu l-objettivi li tiżdied is-sigurtà fiż-żona Schengen kollha, li jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar u li jintlaħaq livell minimu ta' maturità diġitali fost l-Istati Membri kollha fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri,*** jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu obbligati jippermettu lill-vjaġġaturi jużaw ***kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali għall-fini tal-qsim tal-fruntieri esterni ladarba l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tkun operazzjonali**.** Qabel dan, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet nazzjonali għall-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, f'konformità mal-format uniformi, għall-fini tal-verifiki fuq il-	(21) Filwaqt li l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkun volontarju għall-vjaġġaturi, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu obbligati jippermettu lill-vjaġġaturi jużaw ***il-kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali għall-fini tal-qsim tal-fruntieri esterni ladarba l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tkun operazzjonali Qabel dan, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet nazzjonali għall-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, f'konformità mal-format uniformi, għall-fini tal-verifiki fuq il-fruntieri.

fruntieri.

Or. en

Emenda 113
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***Filwaqt li*** l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkun volontarju għall-vjaġġaturi**,** sabiex jintlaħqu l-objettivi li tiżdied is-sigurtà fiż-żona Schengen kollha, li jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar u li jintlaħaq livell minimu ta' maturità diġitali fost l-Istati Membri kollha fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu obbligati jippermettu lill-vjaġġaturi jużaw kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għall-fini tal-qsim tal-fruntieri esterni ladarba l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tkun operazzjonali. Qabel dan, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet nazzjonali għall-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, f'konformità mal-format uniformi, għall-fini tal-verifiki fuq il-fruntieri.	(21) L-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkun ***għalkollox*** volontarju għall-vjaġġaturi***. Il-vjaġġaturi li jiddeċiedu li ma jużawx kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li fl-ebda każ ma jiġu ttrattati b'xi mod differenti.*** Sabiex jintlaħqu l-objettivi li tiżdied is-sigurtà fiż-żona Schengen kollha, li jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar u li jintlaħaq livell minimu ta' maturità diġitali fost l-Istati Membri kollha fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu obbligati jippermettu lill-vjaġġaturi jużaw kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għall-fini tal-qsim tal-fruntieri esterni ladarba l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tkun operazzjonali. Qabel dan, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet nazzjonali għall-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, f'konformità mal-format uniformi, għall-fini tal-verifiki fuq il-fruntieri.

Or. fi

Emenda 114
Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, Jaroslav Bžoch, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Susanna Ceccardi, Afroditi Latinopoulou
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkun volontarju għall-vjaġġaturi, sabiex jintlaħqu l-objettivi li tiżdied is-sigurtà fiż-żona Schengen kollha, li jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar u li jintlaħaq livell minimu ta' maturità diġitali fost l-Istati Membri kollha fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu obbligati jippermettu lill-vjaġġaturi jużaw kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għall-fini tal-qsim tal-fruntieri esterni ladarba l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tkun operazzjonali. Qabel dan, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet nazzjonali għall-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, f'konformità mal-format uniformi, għall-fini tal-verifiki fuq il-fruntieri.	(21) Filwaqt li l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkun volontarju għall-vjaġġaturi, sabiex jintlaħqu l-objettivi li tiżdied is-sigurtà fiż-żona Schengen kollha, li jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar u li jintlaħaq livell minimu ta' maturità diġitali fost l-Istati Membri kollha fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu obbligati jippermettu lill-vjaġġaturi jużaw kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għall-fini tal-qsim tal-fruntieri esterni ladarba l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tkun operazzjonali. Qabel dan, l-Istati Membri jistgħu ***jkomplu*** jiżviluppaw soluzzjonijiet nazzjonali għall-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, f'konformità mal-format uniformi, għall-fini tal-verifiki fuq il-fruntieri.

Or. en

Emenda 115
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Sabiex jiġi rispettat il-prinċipju li l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandu jkun volontarju, il-vjaġġaturi li ma jixtiqux jużaw l-applikazzjoni, jew li jagħżlu li jirtiraw il-kunsens tagħhom, jeħtiġilhom ikunu jistgħu jiddependu fuq infrastrutturi eżistenti li mhumiex DTC. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-qsim tal-fruntieri jipprovdi infrastruttura tradizzjonali, inklużi ipproċessar manwali u e-gates li jibqgħu disponibbli u jipprovdu aċċess, ħeffa u kwalità ta' servizz komparabbli. Dan huwa essenzjali biex tinżamm il-parità u jiġi żgurat li l-kunsens għall-ipproċessar diġitali jkun

verament liberu, infurmat u revokabbli.

Or. en

Emenda 116
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) ***Sabiex jitħaffu aktar il-proċessi u jitnaqqas il-ħin ġenerali fil-punti ta' qsim tal-fruntieri,*** iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***soġġetti għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ*** jenħtieġ li jitħallew jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ***għar-reġistrazzjoni minn qabel ta' ċerta data meħtieġa għall-qsim tal-fruntieri. Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-data tagħhom tkun għadha ma ġietx irreġistrata fis-sistema ta' Dħul/Ħruġ, bħala alternattiva għal li jiġu riferuti lil gwardja*** tal-fruntieri ***għall-verifika fiżika tal-identità, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw miżuri tekniċi effettivi u proporzjonati, inklużi sistemi self-service u e-gates, għall-verifika tal-identità sakemm il-verifiki fiżiċi jitwettqu b'mod aleatorju u sakemm il-verifika alternattiva ma tkunx ibbażata biss fuq l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE***.	(22) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li jitħallew jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ***biex iwettqu verifiki fil-punti ta' qsim*** tal-fruntieri.

Or. en

Emenda 117
Krzysztof Brejza, Oliver Schenk

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex jitħaffu aktar il-proċessi u jitnaqqas il-ħin ġenerali fil-punti ta' qsim	(22) Sabiex jitħaffu aktar il-proċessi u jitnaqqas il-ħin ġenerali fil-punti ta' qsim

tal-fruntieri, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jenħtieġ li jitħallew jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għar-reġistrazzjoni minn qabel ta' ċerta data meħtieġa għall-qsim tal-fruntieri. Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-data tagħhom tkun għadha ma ġietx irreġistrata fis-sistema ta' Dħul/Ħruġ, bħala alternattiva għal li jiġu riferuti lil gwardja tal-fruntieri għall-verifika fiżika tal-identità, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw miżuri tekniċi effettivi u proporzjonati, inklużi sistemi self-service u e-gates, għall-verifika tal-identità sakemm il-verifiki fiżiċi jitwettqu b'mod aleatorju u sakemm il-verifika alternattiva ma tkunx ibbażata biss fuq l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.

tal-fruntieri, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jenħtieġ li jitħallew jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għar-reġistrazzjoni minn qabel ta' ċerta data meħtieġa għall-qsim tal-fruntieri. ***L-iżgurar tal-interoperabbiltà teknika u operazzjonali bejn is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE huwa essenzjali biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-fruntieri esterni, jitjiebu l-effettività u l-adozzjoni tal-applikazzjoni, u jissaħħu l-effiċjenza u l-koerenza ġenerali tal-operazzjonijiet bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni.*** Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-data tagħhom tkun għadha ma ġietx irreġistrata fis-sistema ta' Dħul/Ħruġ, bħala alternattiva għal li jiġu riferuti lil gwardja tal-fruntieri għall-verifika fiżika tal-identità, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw miżuri tekniċi effettivi u proporzjonati, inklużi sistemi self-service u e-gates, għall-verifika tal-identità sakemm il-verifiki fiżiċi jitwettqu b'mod aleatorju u sakemm il-verifika alternattiva ma tkunx ibbażata biss fuq l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.

Or. en

Emenda 118
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex jitħaffu aktar il-proċessi u jitnaqqas il-ħin ġenerali fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jenħtieġ li jitħallew jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għar-reġistrazzjoni minn qabel ta' ċerta data meħtieġa għall-qsim tal-fruntieri. Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-data tagħhom	(22) Sabiex jitħaffu aktar il-proċessi u jitnaqqas il-ħin ġenerali fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jenħtieġ li jitħallew jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għar-reġistrazzjoni minn qabel ta' ċerta data meħtieġa għall-qsim tal-fruntieri. Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-data tagħhom

tkun għadha ma ġietx irreġistrata fis-sistema ta' Dħul/Ħruġ, bħala alternattiva għal li jiġu riferuti lil gwardja tal-fruntieri għall-verifika fiżika tal-identità, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw miżuri tekniċi effettivi u proporzjonati, inklużi sistemi self-service u e-gates, għall-verifika tal-identità sakemm il-verifiki fiżiċi jitwettqu b'mod aleatorju u sakemm il-verifika alternattiva ma tkunx ibbażata biss fuq l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	tkun għadha ma ġietx irreġistrata fis-sistema ta' Dħul/Ħruġ, bħala alternattiva għal li jiġu riferuti lil gwardja tal-fruntieri għall-verifika fiżika tal-identità, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw miżuri tekniċi effettivi u proporzjonati, inklużi sistemi self-service u e-gates, għall-verifika tal-identità***. Madankollu, din il-proċedura alternattiva tirrikjedi li d-dokumenti tal-ivvjaġġar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi juru mill-inqas l-istess karatteristiċi ta' sigurtà b'saħħithom bħal dawk maħruġa mill-Istati Membri tal-UE. u*** sakemm il-verifiki fiżiċi jitwettqu b'mod aleatorju u sakemm il-verifika alternattiva ma tkunx ibbażata biss fuq l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.
	Or. fi

Emenda 119
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Jenħtieġ li ħames snin wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dik l-applikazzjoni u l-użu tagħha u tħejji rapport, li jinkludi rakkomandazzjonijiet, u li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. L-evalwazzjoni u r-rapport jenħtieġ li jikkunsidraw kif intlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u kif, jekk ikun il-każ, ġew affettwati d-drittijiet fundamentali.	(23) Jenħtieġ li ħames snin wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dik l-applikazzjoni u l-użu tagħha***, inkluża valutazzjoni tal-benefiċċji ggwadanjati mal-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni u l-impatt tagħha fuq il-ġestjoni tal-fruntieri,*** u tħejji rapport, li jinkludi rakkomandazzjonijiet, u li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. L-evalwazzjoni u r-rapport jenħtieġ li jikkunsidraw kif intlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u kif, jekk ikun il-każ, ġew affettwati d-drittijiet fundamentali.

Or. fi

Emenda 120
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Jenħtieġ li ***ħames snin*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dik l-applikazzjoni u l-użu tagħha u tħejji rapport, li jinkludi rakkomandazzjonijiet, u li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. L-evalwazzjoni u r-rapport jenħtieġ li jikkunsidraw kif intlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u kif, jekk ikun il-każ, ġew affettwati d-drittijiet fundamentali.	(23) Jenħtieġ li ***sentejn*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE***, u kull sentejn wara dan***, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dik l-applikazzjoni u l-użu tagħha u tħejji rapport, li jinkludi rakkomandazzjonijiet, u li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. L-evalwazzjoni u r-rapport jenħtieġ li jikkunsidraw kif intlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u kif, jekk ikun il-każ, ġew affettwati d-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 121
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Jenħtieġ li ***ħames snin*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dik l-applikazzjoni u l-użu tagħha u tħejji rapport, li jinkludi rakkomandazzjonijiet, u li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-	(23) Jenħtieġ li ***sentejn*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dik l-applikazzjoni u l-użu tagħha u tħejji rapport, li jinkludi rakkomandazzjonijiet, u li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. L-evalwazzjoni u r-rapport jenħtieġ li jikkunsidraw kif intlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u kif, jekk ikun il-każ, ġew affettwati d-drittijiet fundamentali.	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. L-evalwazzjoni u r-rapport jenħtieġ li jikkunsidraw kif intlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u kif, jekk ikun il-każ, ġew affettwati d-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 122
Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, Jaroslav Bžoch, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Susanna Ceccardi, Afroditi Latinopoulou
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Jenħtieġ li ħames snin wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dik l-applikazzjoni u l-użu tagħha u tħejji rapport, li jinkludi rakkomandazzjonijiet, u li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. L-evalwazzjoni u r-rapport jenħtieġ li jikkunsidraw kif intlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u kif***, jekk ikun il-każ,*** ġew affettwati d-drittijiet fundamentali.	(23) Jenħtieġ li ħames snin wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dik l-applikazzjoni u l-użu tagħha u tħejji rapport, li jinkludi rakkomandazzjonijiet, u li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. L-evalwazzjoni u r-rapport jenħtieġ li jikkunsidraw kif intlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u kif ġew affettwati d-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 123
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet	(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet

uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-istandard tekniku għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, l-arkitettura teknika u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ittestjar tagħha, il-ġbir tal-istatistika kif ukoll il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ***u kif isiru l-verifiki fuq id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].	uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-istandard tekniku għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, l-arkitettura teknika u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ittestjar tagħha, il-ġbir tal-istatistika kif ukoll il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].
[11] ***Regolament*** (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).	[11] ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).
	Or. en

Emenda 124
Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-istandard tekniku għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, l-arkitettura teknika u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ittestjar tagħha, il-ġbir tal-istatistika kif ukoll il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u kif isiru l-verifiki fuq id-dokumenti tal-	(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-istandard tekniku għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, l-arkitettura teknika u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ittestjar tagħha, il-ġbir tal-istatistika ***anonimizzata*** kif ukoll il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u kif isiru l-

ivvjaġġar u l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].

[11] ***Regolament*** (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

verifiki fuq id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].

[11] ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. bg

Emenda 125
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-istandard tekniku għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, l-arkitettura teknika u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ittestjar tagħha***, il-ġbir tal-istatistika*** kif ukoll il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u kif isiru l-verifiki fuq id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].	(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-istandard tekniku għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, l-arkitettura teknika u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ittestjar tagħha kif ukoll il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u kif isiru l-verifiki fuq id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].
[11] Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-	[11] Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).	Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).
	Or. fi

Emenda 126
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-istandard tekniku għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, l-arkitettura teknika u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ittestjar tagħha, il-ġbir tal-istatistika kif ukoll il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u kif isiru l-verifiki fuq ***id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].	(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-istandard tekniku għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, l-arkitettura teknika u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ittestjar tagħha, il-ġbir tal-istatistika kif ukoll il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u kif isiru l-verifiki fuq ***il-kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].
[11] ***Regolament*** (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).	[11] ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).
	Or. en

Emenda 127
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-possibbiltà li jiġi previst, skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għal finijiet oħra għajr it-twettiq ta' verifiki fuq il-fruntieri, dment li tali dritt nazzjonali jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 128
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-possibbiltà li jiġi previst, skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għal finijiet oħra għajr it-twettiq ta' verifiki fuq il-fruntieri, dment li tali dritt nazzjonali jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 129
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-possibbiltà li jiġi previst, skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għal finijiet oħra għajr it-twettiq ta' verifiki fuq il-fruntieri, dment li tali dritt nazzjonali jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni.	(25) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-possibbiltà li jiġi previst, skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għal finijiet oħra għajr it-twettiq ta' verifiki fuq il-fruntieri, dment li tali dritt nazzjonali jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni. ***Jenħtieġ li l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali qatt ma jiġi żviluppat jew applikat b'tali mod li jippermetti jew jippromwovi l-istabbiliment ta' soċjetà ta' kontroll.***

Or. fi

Emenda 130
Krzysztof Brejza, Oliver Schenk

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari ż-żieda fis-sigurtà u l-iffaċilitar tal-ivvjaġġar fil-kuntest tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba n-natura transfruntiera inerenti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' għalhekk tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.	(26) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari ż-żieda fis-sigurtà u l-iffaċilitar tal-ivvjaġġar fil-kuntest tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni***, id-detezzjoni ta' dokumenti frodulenti u l-prevenzjoni ta' migrazzjoni irregolari u strumentalizza u reati transfruntiera,*** ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba n-natura transfruntiera inerenti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' għalhekk tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

Or. en

Emenda 131
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi applikazzjoni ***għas-sottomissjoni elettronika ta' data tal-ivvjaġġar*** ("l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE") għal:	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi applikazzjoni ("l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE") għal:

Or. en

Emenda 132
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-dħul ta' data dwar l-ivvjaġġar awtodikjarata;	***imħassar***

Or. en

Emenda 133
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***is-sottomissjoni*** sigura ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali ***u data tal-ivvjaġġar awtodikjarata lill-awtorità*** kompetenti għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-ivvjaġġar u tat-twettiq ta' verifiki fuq persuni fuq il-fruntieri f'konformità mal-Artikolu 8***(2g) u (3), il-punt (j),*** tar-	(c) ***il-verifika*** sigura ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali ***mill-awtorità*** kompetenti għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-ivvjaġġar u tat-twettiq ta' verifiki fuq persuni fuq il-fruntieri f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399.

Regolament (UE) 2016/399.

Or. en

Emenda 134
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-sottomissjoni sigura ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali ***u data tal-ivvjaġġar awtodikjarata*** lill-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-ivvjaġġar u tat-twettiq ta' verifiki fuq persuni fuq il-fruntieri f'konformità mal-Artikolu 8(2g) u (3), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2016/399.	(c) is-sottomissjoni sigura ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali lill-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-ivvjaġġar u tat-twettiq ta' verifiki fuq persuni fuq il-fruntieri f'konformità mal-Artikolu 8(2g) u (3), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2016/399.

Or. en

Emenda 135
Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, Jaroslav Bžoch, António Tânger Corrêa, Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Susanna Ceccardi, Afroditi Latinopoulou
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dan ir-Regolament la jissostitwixxi l-eżistenza ta' dokumenti tal-ivvjaġġar fiżiċi, u lanqas id-dritt li tali dokumenti jintużaw waħedhom.

Or. en

Emenda 136
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "Router tal-Vjaġġatur" tfisser il-komponent tekniku msemmi fl-Artikolu 5.	***imħassar***

Or. en

Emenda 137
Jan-Christoph Oetjen, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "Router tal-Vjaġġatur" tfisser il-komponent tekniku msemmi fl-Artikolu ***5***.	(d) "Router tal-Vjaġġatur" tfisser il-komponent tekniku msemmi fl-Artikolu ***6a, li jippermetti t-trażmissjoni kriptata tad-data tal-ivvjaġġar***.

Or. en

Emenda 138
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "Router ***tal-Vjaġġatur***" tfisser il-komponent tekniku msemmi fl-Artikolu 5.	(d) "Router ***tal-Kredenzjali tal-Ivvjaġġar Diġitali***" tfisser il-komponent tekniku msemmi fl-Artikolu 5. *(Din hija emenda orizzontali biex tissostitwixxi t-terminu fit-test kollu)*

Or. en

Emenda 139
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) applikazzjoni għall-apparati mobbli, li tippermetti l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għal użu uniku jew ***multipli u d-dħul ta' data tal-ivvjaġġar awtodikjarata***;	(a) applikazzjoni għall-apparati mobbli, li tippermetti l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għal użu uniku jew ***multiplu***;

Or. en

Emenda 140
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) applikazzjoni għall-apparati mobbli, li tippermetti l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għal użu uniku jew ***multipli u d-dħul ta' data tal-ivvjaġġar awtodikjarata***;	(a) applikazzjoni għall-apparati mobbli, li tippermetti l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għal użu uniku jew ***multiplu***;

Or. en

Emenda 141
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) servizz ta' validazzjoni backend, li jiżgura l-konferma tal-awtentiċità u l-integrità tad-data taċ-ċippa jew tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bl-użu ta' ċertifikati disponibbli ***u fejn applikabbli, it-tqabbil tal-immaġni tal-wiċċ meħuda mill-utent mad-dokument tal-ivvjaġġar jew il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali***;	(b) servizz ta' validazzjoni backend, li jiżgura l-konferma tal-awtentiċità u l-integrità tad-data taċ-ċippa jew tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bl-użu ta' ċertifikati disponibbli;

Or. en

Emenda 142
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) servizz ta' validazzjoni backend, li jiżgura l-konferma tal-awtentiċità u l-integrità tad-data ***taċ-ċippa*** jew tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bl-użu ta' ċertifikati disponibbli u fejn applikabbli, it-tqabbil tal-immaġni tal-wiċċ meħuda mill-utent mad-dokument tal-ivvjaġġar jew il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali;	(b) servizz ta' validazzjoni backend, li jiżgura l-konferma tal-awtentiċità u l-integrità tad-data ***fuq il-medium ta' memorja (ċippa)*** jew tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bl-użu ta' ċertifikati disponibbli u fejn applikabbli, it-tqabbil tal-immaġni tal-wiċċ meħuda mill-utent mad-dokument tal-ivvjaġġar jew il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali;

Or. en

Emenda 143
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Router tal-Vjaġġatur, li għandu jiżgura komunikazzjoni sigura u kriptata bejn l-applikazzjoni għall-apparati mobbli u l-awtorità riċeventi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 144
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-kodiċi tas-sors tal-komponenti tas-software ta' applikazzjoni tal-Ivvjaġġar

Diġitali tal-UE għandu jkollu liċenzja ta' sors miftuħ.

Or. en

Emenda 145
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-persuni li jgawdu mid-dritt għal-libertà tal-moviment skont id-dritt tal-Unjoni li jkollhom fil-pussess tagħhom kwalunkwe wieħed mid-dokumenti tal-ivvjaġġar li ġejjin jistgħu jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE biex joħolqu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali ***ibbażat*** fuq dak id-dokument tal-ivvjaġġar għal użu uniku jew ***multipli***:	1. Il-persuni li jgawdu mid-dritt għal-libertà tal-moviment skont id-dritt tal-Unjoni***, li jkollhom aktar minn 18-il sena u*** li jkollhom fil-pussess tagħhom kwalunkwe wieħed mid-dokumenti tal-ivvjaġġar li ġejjin**,** jistgħu jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE biex joħolqu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali ***bbażat*** fuq dak id-dokument tal-ivvjaġġar għal użu uniku jew ***multiplu***:

Or. en

Emenda 146
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tipprevedi l-possibbiltà li jinħażen kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għal użu multipli fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, li d-dispożizzjonijiet għaliha huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014.	***imħassar***

Or. fi

Emenda 147
Jan-Christoph Oetjen, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tipprevedi l-possibbiltà li jinħażen kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għal użu ***multipli*** fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, li d-dispożizzjonijiet għaliha huma stabbiliti ***fir-Regolament*** (UE) Nru 910/2014.	2. L-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tipprevedi l-possibbiltà li jinħażen kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għal użu ***multiplu*** fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ***bħala attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi (QEAA)***, li d-dispożizzjonijiet għaliha huma stabbiliti ***fl-Artikolu 3(45) tar-Regolament*** (UE) Nru 910/2014.

Or. en

Emenda 148
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tipprevedi l-possibbiltà li jinħażen kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għal użu multipli fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, li d-dispożizzjonijiet għaliha huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014.	2. L-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tipprevedi l-possibbiltà***, abbażi tal-kunsens espliċitu tal-persuna kkonċernata,*** li jinħażen kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għal użu multipli fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, li d-dispożizzjonijiet għaliha huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014.

Or. en

Emenda 149
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Jekk kredenzjal diġitali li jista' jerġa' jintuża jiġi użat għal skopijiet ta' vjaġġar, id-data li tinsab fih għandha tiġi vvalidata qabel kull użu sussegwenti biex tiġi żgurata s-sigurtà.

Or. bg

Emenda 150
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom dokument tal-ivvjaġġar li jkun fih medium ta' memorja jistgħu, soġġett għad-disponibbiltà ta' ċertifikati validi meħtieġa għall-verifika tal-awtenticità tiegħu, jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE biex joħolqu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għal użu uniku jew multipli.	4. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom dokument tal-ivvjaġġar li jkun fih medium ta' memorja jistgħu, soġġett għad-disponibbiltà ta' ċertifikati validi meħtieġa għall-verifika tal-awtenticità tiegħu, jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE biex joħolqu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għal użu uniku jew multipli. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu joħolqu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali biss meta l-livell ta' sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom ikun mill-inqas jaqbel ma' dak tad-dokumenti maħruġa mill-Istati Membri tal-Unjoni, inkluż, pereżempju, teknoloġija affidabbli kontra l-ikklonjar.***

Or. fi

Emenda 151
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom dokument tal-ivvjaġġar li jkun fih medium ta' memorja ***jistgħu***, soġġett għad-disponibbiltà ta' ċertifikati validi meħtieġa għall-verifika tal-awtenticità tiegħu, jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE biex joħolqu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għal użu uniku jew ***multipli***.	4. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom dokument tal-ivvjaġġar li jkun fih medium ta' memorja ***għandhom***, soġġett għad-disponibbiltà ta' ċertifikati validi meħtieġa għall-verifika tal-awtenticità tiegħu, ***ikollhom il-possibbilità*** jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE biex joħolqu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għal użu uniku jew ***multiplu***.

Or. en

Emenda 152
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel il-ħolqien ta' kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali f'konformità mal-paragrafi 1 u 4, l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tivverifika l-integrità u l-awtenticità tal-medium ta' memorja tad-dokument tal-ivvjaġġar ***u tqabbel l-immaġni tal-wiċċ tal-persuna li tkun qed tfittex li toħloq il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali mal-immaġni tal-wiċċ maħżuna fil-medium ta' memorja***.	5. Qabel il-ħolqien ta' kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali f'konformità mal-paragrafi 1 u 4, l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tivverifika l-integrità u l-awtenticità tal-medium ta' memorja tad-dokument tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 153
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel il-ħolqien ta' kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali f'konformità mal-paragrafi 1 u 4, l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha	5. Qabel il-ħolqien ta' kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali f'konformità mal-paragrafi 1 u 4, l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha

tivverifika l-integrità u l-awtentiċità tal-medium ta' memorja tad-dokument tal-ivvjaġġar u tqabbel l-immaġni tal-wiċċ tal-persuna li tkun qed tfittex li toħloq il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali mal-immaġni tal-wiċċ maħżuna fil-medium ta' memorja.	tivverifika l-integrità***, il-validità*** u l-awtentiċità tal-medium ta' memorja tad-dokument tal-ivvjaġġar u tqabbel l-immaġni tal-wiċċ tal-persuna li tkun qed tfittex li toħloq il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali mal-immaġni tal-wiċċ maħżuna fil-medium ta' memorja.

Or. bg

Emenda 154
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ħolqien u l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali minn persuni li jgawdu mid-dritt għal-libertà tal-moviment skont id-dritt tal-Unjoni u ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu volontarji u bbażati fuq il-kunsens tagħhom.	6. L-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ħolqien u l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali minn persuni li jgawdu mid-dritt għal-libertà tal-moviment skont id-dritt tal-Unjoni u ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu volontarji u bbażati fuq il-kunsens tagħhom. ***L-għażla li wieħed ma jużax l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ma għandhiex twassal għal kwalunkwe forma ta' trattament diskriminatorju.***

Or. en

Emenda 155
Oliver Schenk, Krzysztof Brejza

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ħolqien u l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali minn persuni li jgawdu mid-dritt għal-libertà tal-moviment skont id-dritt tal-	6. L-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ħolqien u l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali minn persuni li jgawdu mid-dritt għal-libertà tal-moviment skont id-dritt tal-

Unjoni u ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu volontarji u bbażati fuq il-kunsens tagħhom.	Unjoni u ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu volontarji u bbażati fuq il-kunsens tagħhom. ***Kwalunkwe limitazzjoni tal-età għal tali użu għandha tiġi stabbilita skont id-dritt nazzjonali.***

Or. en

Emenda 156
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ħolqien u l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali minn persuni li jgawdu mid-dritt għal-libertà tal-moviment skont id-dritt tal-Unjoni u ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu volontarji u bbażati fuq il-kunsens tagħhom.	6. L-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-ħolqien u l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali minn persuni li jgawdu mid-dritt għal-libertà tal-moviment skont id-dritt tal-Unjoni u ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu ***għalkollox*** volontarji u bbażati fuq il-kunsens tagħhom.

Or. fi

Emenda 157
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-għażla tal-vjaġġatur li ma jużax l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ma għandha twassal għall-ebda diskriminazzjoni jew restrizzjoni prattika kontra dak il-vjaġġatur.

Or. en

Emenda 158

Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399.

Or. en

Emenda 159
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali maħluqa skont dan l-Artikolu ma għandhomx jinkludu l-marki tas-swaba' tad-detentur.	7. Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali maħluqa skont dan l-Artikolu ma għandhomx jinkludu l-marki tas-swaba' ***jew l-immaġni tal-wiċċ*** tad-detentur.

Or. en

Emenda 160
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
Data tal-ivvjaġġar li għandha tiġi sottomessa mill-vjaġġaturi	
1. Id-data tal-ivvjaġġar għandha tikkonsisti fid-data li ġejja relatata ma' kull vjaġġatur:	
(a) kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali kif	

definit fl-Artikolu 2, il-punt (31), tar-Regolament (UE) 2016/399;

(b) id-data u l-ħin previsti tal-wasla jew tat-tluq;

(c) l-Istat Membru li fih isir il-qsim tal-fruntiera esterna;

2. Id-data tal-ivvjaġġar tista' tikkonsisti wkoll, fejn applikabbli, fl-informazzjoni li ġejja relatata ma' kull vjaġġatur:

(a) in-numru ta' identifikazzjoni tat-titjira, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-linja tal-kruċieri, in-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura;

(b) dokumenti li jiġġustifikaw l-għan u l-kundizzjonijiet tas-soġġorn intenzjonat kif meħtieġ mill-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399.

3. Id-data tal-ivvjaġġar f'kull każ għandha tkun limitata għal dik li hija meħtieġa għall-fini tat-twettiq ta' verifiki fuq il-fruntiera f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399.

Or. en

Emenda 161
Jan-Christoph Oetjen, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-mezz tat-trasport li bih tinqasam il-fruntiera esterna

Or. en

Emenda 162
Damien Carême

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data tal-ivvjaġġar ***tista'*** tikkonsisti wkoll, ***fejn*** applikabbli, ***fl-informazzjoni li ġejja relatata ma' kull vjaġġatur:***	2. Id-data tal-ivvjaġġar ***għandha*** tikkonsisti wkoll, ***meta*** applikabbli, ***f'dokumenti li jiġġustifikaw l-għan u l-kundizzjonijiet tas-soġġorn intenzjonat kif meħtieġ mill-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399.***

Or. en

Emenda 163
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-numru ta' identifikazzjoni tat-titjira, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-linja tal-kruċieri, in-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura;	***imħassar***

Or. en

Emenda 164
Irena Joveva, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-numru ta' identifikazzjoni tat-titjira, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-linja tal-kruċieri, in-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur ***u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura***;	(a) in-numru ta' identifikazzjoni tat-titjira, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-linja tal-kruċieri, in-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur;

Or. en

Emenda 165
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-data tal-ivvjaġġar f'kull każ għandha tkun limitata għal dik li hija meħtieġa għall-fini tat-twettiq ta' verifiki fuq il-fruntiera f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399.	***imħassar***

Or. en

Emenda 166
Irena Joveva, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-data tal-ivvjaġġar f'kull każ għandha tkun limitata għal dik li hija meħtieġa għall-fini tat-twettiq ta' verifiki fuq ***il-fruntiera*** f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399.	3. Id-data tal-ivvjaġġar f'kull każ għandha tkun ***strettament*** limitata għal dik li hija meħtieġa ***u proporzjonata*** għall-fini tat-twettiq ta' verifiki fuq ***il-fruntieri*** f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399. ***Ma tista' tintalab jew tiġi pproċessata l-ebda data personali jew ta' trekkjar tal-post addizzjonali.***

Or. en

Emenda 167
Oliver Schenk, Krzysztof Brejza

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Id-data tal-ivvjaġġar tista' tiġi sottomessa f'mument konvenjenti għall-vjaġġatur, iżda mhux aktar kmieni minn

	12-il xahar qabel il-wasla jew it-tluq maħsuba.

Or. en

Emenda 168
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Id-data tal-ivvjaġġar għandha tiġi ppreżentata mhux aktar kmieni minn 48 siegħa qabel il-wasla jew it-tluq maħsuba.

Or. en

Emenda 169
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Trażmissjoni ta' data tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri	
1. Ir-Router tal-Vjaġġatur għandu jittrażmetti d-data tal-ivvjaġġar ippreżentata mill-vjaġġatur lill-awtorità kompetenti tal-fruntiera f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (a).	
2. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri awtorizzati li jirċievu d-data tal-ivvjaġġar trażmessa lilhom mir-Router tal-Vjaġġatur f'konformità ma' dan ir-Regolament. Huma għandhom jinnotifikaw, sa [id-dħul fis-seħħ tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-	

UE], lill-eu-LISA bl-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri u għandhom, fejn meħtieġ, jaġġornaw l-informazzjoni notifikata.

Or. en

Emenda 170
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-Router tal-Vjaġġatur għandu jittrażmetti d-data tal-ivvjaġġar ***ippreżentata*** mill-vjaġġatur lill-awtorità kompetenti ***tal-fruntiera*** f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (a).	1. Ir-Router tal-Vjaġġatur għandu jittrażmetti d-data tal-ivvjaġġar ***sottomessa*** mill-vjaġġatur lill-awtorità kompetenti ***tal-fruntieri. Huwa għandu jittrażmetti din id-data minnufih u b'mod awtomatizzat, mingħajr ma jbiddel il-kontenut tagħha bi kwalunkwe mod, u*** f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (a).

Or. en

Emenda 171
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri awtorizzati li jirċievu d-data tal-ivvjaġġar trażmessa lilhom mir-Router tal-Vjaġġatur f'konformità ma' dan ir-Regolament. Huma għandhom jinnotifikaw, sa [id-dħul fis-seħħ tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE], lill-eu-LISA bl-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri u għandhom, fejn	2. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri awtorizzati li jirċievu d-data tal-ivvjaġġar trażmessa lilhom mir-Router tal-Vjaġġatur f'konformità ma' dan ir-Regolament. Huma għandhom jinnotifikaw, sa [id-dħul fis-seħħ tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE], lill-eu-LISA ***u lill-Kummissjoni*** bl-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti tal-

meħtieġ, ***jaġġornaw*** l-informazzjoni ***notifikata***.	fruntieri u għandhom, fejn meħtieġ, ***jinnotifikaw lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe aġġornament dwar dik*** l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' dawk in-notifiki u l-aġġornamenti, tiġbor u tagħmel disponibbli għall-pubbliku lista tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri notifikati, li tinkludi d-dettalji ta' kuntatt tagħhom***.

Or. en

Emenda 172
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Ir-Router tal-Vjaġġatur
	1. Ir-router għandu jkun magħmul minn infrastruttura ċentrali, inklużi sett ta' komponenti tekniċi li jippermettu r-riċevuta u t-trażmissjoni ta' data tal-vjaġġaturi kriptata minn tarf sa tarf, u kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn l-infrastruttura ċentrali u l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri.
	2. L-eu-LISA għandha tiżgura li r-Router tal-Vjaġġatur ikun imfassal u żviluppat b'tali mod li r-Router tal-Vjaġġatur jipprovdi l-funzjonalitajiet speċifikati f'dan ir-Regolament. Ir-router għandu, meta xieraq u sa fejn ikun teknikament possibbli, ikun mibni b'mod analogu mar-router imsemmi fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2024/... [ir-Regolament dwar l-API] dwar l-użu mill-ġdid tal-komponenti tekniċi u s-servizz tal-web.
	3. L-eu-LISA għandha tospita r-Router tal-Vjaġġatur fis-siti tekniċi tagħha.
	4. L-eu-LISA għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni teknika tar-Router tal-

Vjaġġatur, inklużi l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi tiegħu, b'tali mod li tiżgura li d-data tiġi trażmessa b'mod sigur, effettiv u malajr permezz tar-Router tal-Vjaġġatur, f'konformità ma' dan ir-Regolament .

5. Il-persunal tal-eu-LISA ma għandu jkollu aċċess għall-ebda data li tiġi trażmessa permezz tar-Router tal-Vjaġġatur. Madankollu, dik il-projbizzjoni ma għandhiex tipprekludi lill-persunal tal-eu-LISA milli jkollu tali aċċess sa fejn ikun strettament meħtieġ għall-manutenzjoni u l-ġestjoni teknika tar-Router tal-Vjaġġatur.

6. Ir-router għandu, b'mod awtomatiku jislet id-data u jagħmilha disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 16(1) ta' dan ir-Regolament, għar-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika stabbilit skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/817.

7. L-eu-LISA għandha, fuq talba tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, tipprovdilhom taħriġ dwar l-użu tekniku tar-router u dwar il-konnessjoni u l-integrazzjoni tagħhom mar-Router tal-Vjaġġatur.

8. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-Router tal-Vjaġġatur għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (a).

Or. en

Emenda 173
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri għandhom ikunu kontrolluri tad-data, skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt	1. L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri għandhom ikunu kontrolluri tad-data, skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt

7, tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tal-ipproċessar ta' data tal-ivvjaġġar, li tikkostitwixxi data personali***,*** ***riċevuta permezz tar-Router tal-Vjaġġatur***.	7, tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tal-ipproċessar ta' data tal-ivvjaġġar, li tikkostitwixxi data personali.

Or. en

Emenda 174
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-eu-LISA għandha tkun il-proċessur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 12, tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar ta' data tal-ivvjaġġar li tikkostitwixxi data personali ***fl-applikazzjoni għall-apparati mobbli u*** permezz tar-Router tal-Vjaġġatur. L-eu-LISA għandha tkun il-kontrollur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 9, tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar ta' data ***dwar l-ivvjaġġar*** permezz tas-servizz ta' validazzjoni backend.	3. L-eu-LISA għandha tkun il-proċessur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 12, tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar ta' data tal-ivvjaġġar li tikkostitwixxi data personali permezz tar-Router tal-Vjaġġatur. L-eu-LISA għandha tkun il-kontrollur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 9, tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar ta' data ***tal-ivvjaġġar fl-applikazzjoni għall-apparati mobbli u*** permezz tas-servizz ta' validazzjoni backend.

Or. en

Emenda 175
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-eu-LISA għandha tkun il-proċessur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 12, tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar ta' data tal-ivvjaġġar li tikkostitwixxi data personali fl-applikazzjoni għall-apparati	3. L-eu-LISA għandha tkun il-proċessur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 12, tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar ta' data tal-ivvjaġġar li tikkostitwixxi data personali fl-applikazzjoni għall-apparati

mobbli ***u permezz tar-Router tal-Vjaġġatur***. L-eu-LISA għandha tkun il-kontrollur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 9, tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar ta' data ***dwar l-ivvjaġġar*** permezz tas-servizz ta' validazzjoni backend.	mobbli. L-eu-LISA għandha tkun il-kontrollur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 9, tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar ta' data ***tal-ivvjaġġar*** permezz tas-servizz ta' validazzjoni backend.

Or. en

Emenda 176
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. F'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament 2018/1725, meta taġixxi bħala proċessur f'konformità mal-paragrafu 3, l-eu-LISA ma għandhiex:
	a) timpjega proċessur ieħor;u
	b) tittrasferixxi kwalunkwe data personali lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 177
Irena Joveva, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ebda data personali ma għandha tinħażen fuq is-servizz ta' validazzjoni backend jew fuq ir-Router tal-Vjaġġatur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-ħolqien tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u t-trażmissjoni tad-data tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri.	4. L-ebda data personali ma għandha tinħażen fuq is-servizz ta' validazzjoni backend jew fuq ir-Router tal-Vjaġġatur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-ħolqien tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u t-trażmissjoni tad-data tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri. ***Id-data personali kollha, inklużi l-mudelli***

bijometriċi u l-immaġnijiet tal-wiċċ, għandha titħassar immedjatament u b'mod permanenti wara li l-vjaġġatur jingħata d-dħul jew 48 siegħa wara li tittieħed deċiżjoni li tiċħad il-ħruġ jew id-dħul. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jkollu d-dritt li jaċċessa r-reġistri, ir-rekords tal-awditjar u l-konfigurazzjonijiet tas-sistema biex jivverifika l-konformità.

Or. en

Emenda 178
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ebda data personali ma għandha tinħażen fuq is-servizz ta' validazzjoni backend jew fuq ir-Router tal-Vjaġġatur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-ħolqien tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u t-trażmissjoni tad-data tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri.	4. L-ebda data personali ma għandha tinħażen fuq is-servizz ta' validazzjoni backend jew fuq ir-Router tal-Vjaġġatur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-ħolqien tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u t-trażmissjoni tad-data tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri. ***L-ebda data ma għandha tinħażen fil-livell tal-UE. L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri għandhom iħassru d-data tal-ivvjaġġar miksuba minn qabel b'mod diġitali mingħand il-vjaġġaturi malli dawn ikunu qasmu l-fruntiera.***

Or. fi

Emenda 179
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ebda data personali ma għandha	4. L-ebda data personali ma għandha

tinħażen fuq is-servizz ta' validazzjoni backend ***jew fuq ir-Router tal-Vjaġġatur*** lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-ħolqien tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali ***u t-trażmissjoni tad-data tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri***.	tinħażen fuq is-servizz ta' validazzjoni backend lil hinn minn dak li huwa ***strettament*** meħtieġ għall-ħolqien tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali.

Or. en

Emenda 180
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ebda data personali ma għandha ***tinħażen*** fuq is-servizz ta' validazzjoni backend jew fuq ir-Router tal-Vjaġġatur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-ħolqien tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u t-trażmissjoni tad-data tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri.	4. L-ebda data personali ma għandha ***tiġi pproċessata*** fuq is-servizz ta' validazzjoni backend jew fuq ir-Router tal-Vjaġġatur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-ħolqien tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u t-trażmissjoni tad-data tal-ivvjaġġar lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri.

Or. en

Emenda 181
Irena Joveva, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-eu-LISA u l-awtoritajiet tal-fruntieri tal-Istati Membri awtorizzati li jirċievu d-data tal-ivvjaġġar trażmessa lilhom mir-Router tal-Vjaġġatur għandhom jgħaddu minn awditu indipendenti tal-protezzjoni tad-data mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data mill-inqas kull sentejn biex jiġi żgurat li d-data personali kollha sottomessa permezz tal-applikazzjoni tal-

Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tinżamm biss għall-perjodu minimu meħtieġ u li l-vjaġġaturi jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikoli 15–22 tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward ta' kwalunkwe data proċessata skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 182
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-utenti tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandhom ikunu jistgħu jirrevokaw il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom fl-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE fi kwalunkwe ħin.	5. L-utenti tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandhom ikunu jistgħu jirrevokaw il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom fl-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE fi kwalunkwe ħin***, mingħajr detriment. Mal-irtirar tal-kunsens, id-data personali kollha, inkluża d-data bijometrika pprovduta u pproċessata permezz tal-applikazzjoni, għandha titħassar b'mod irreversibbli mill-postijiet ta' ħżin kollha mingħajr dewmien żejjed, sakemm iż-żamma tagħha ma tkunx rikjesta mil-liġi***.

Or. en

Emenda 183
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri għandhom iħassru d-data tal-vjaġġatur li jirċievu f'konformità ma' dan

ir-Regolament mill-bażi tad-data tagħhom b'mod awtomatizzat, immedjatament wara li titwettaq il-verifika fuq il-fruntiera. Fil-każ li d-data tal-vjaġġatur tkun waslet qabel il-verifika fuq il-fruntiera u l-persuna kkonċernata ma tkunx fil-punt ta' qsim tal-fruntieri, l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri għandhom iħassru, b'mod awtomatizzat, id-data tal-vjaġġatur 12-il siegħa wara d-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq.

Or. en

Emenda 184
Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, Jaroslav Bžoch, António Tânger Corrêa, Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Susanna Ceccardi, Afroditi Latinopoulou
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-ebda vjaġġatur ma għandu jkun żvantaġġat, kemm fil-proċedura kif ukoll fil-prattika, minħabba li ma jużax il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħinijiet tal-ipproċessar, il-ġestjoni tal-kju tal-fruntiera, jew l-aċċess għas-servizzi.

Or. en

Emenda 185
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. L-ipproċessar ta' data personali f'konformità ma' dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti ma għandux iwassal għal diskriminazzjoni kontra

persuni abbażi ta' sess u ġeneru, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentament sesswali.

Or. en

Emenda 186
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Applikazzjoni għall-apparati mobbli
	1. L-applikazzjoni għall-apparati mobbli msemmija fl-Artikolu 3, il-punt (a), għandha tippermetti l-ħolqien u s-sottomissjoni ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għal użu uniku jew multiplu.
	2. L-applikazzjoni għall-apparati mobbli għandu jkollha privatezza u protezzjoni tad-data mid-disinn, filwaqt li jitqies l-oġħla livell ta' żvilupp tekniku fis-sigurtà u s-sikurezza tad-data li jkun fiha. L-użu tal-applikazzjoni għall-apparati mobbli għandu jkun soġġett għal standards għoljin ta' sigurtà biex jiġi żgurat li kwalunkwe aċċess jew użu mhux awtorizzat ma jkunx possibbli. L-applikazzjoni ma għandha tippermetti l-ebda aċċess għal partijiet terzi, inklużi kits għall-iżvilupp ta' software inkorporat, plugins, jew libreriji inkorporati li jippermettu l-aċċess, l-ipproċessar, it-trażmissjoni jew l-irċevuta ta' kwalunkwe data personali jew teknika fl-applikazzjoni jew li tkun iġġenerata minnha.
	3. L-użu ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf jenħtieġ li jkun obbligatorju għal kull sottomissjoni tad-data permezz tal-

applikazzjoni, sabiex titqies is-sensittività tad-data kkonċernata.

4. L-applikazzjoni għall-apparati mobbli għandha tkun aċċessibbli faċilment għall-utenti u mingħajr ħlas. Għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-aċċessibbiltà tal-applikazzjoni għall-apparati mobbli għall-persuni b'diżabbiltà.

5. L-applikazzjoni għall-apparati mobbli għandha tkun disponibbli mill-inqas fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Istati Membri.

6. L-applikazzjoni għall-apparati mobbli għandu jkun fiha informazzjoni prattika dwar l-iskennjar taċ-ċippa fid-dokument tal-ivvjaġġar u l-iskopijiet tal-applikazzjoni tal-ivvjaġġar diġitali tal-UE. L-applikazzjoni għall-apparati mobbli għandu jkun fiha wkoll mekkaniżmu ċar u faċilment aċċessibbli li permezz tiegħu l-utent ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu ta' rtirar tal-kunsens.

7. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-applikazzjoni għall-apparati mobbli għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (a).

Or. en

Emenda 187
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Tħassir tad-data tal-ivvjaġġar
	1. L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri għandhom jaħżnu d-data tal-ivvjaġġar sottomessa mill-vjaġġaturi skont l-Artikolu 5 għal perjodu massimu ta' 48 siegħa mill-mument li r-router jirċeviha f'konformità mal-Artikolu 6. Huma għandhom iħassru minnufih u b'mod

permanenti tali data tal-ivvjaġġar wara li l-vjaġġatur jingħata d-dħul jew 48 siegħa wara li tittieħed deċiżjoni li tiċħad il-ħruġ jew id-dħul, sakemm ma jkunx hemm bażi legali għal ipproċessar kontinwu għal finijiet oħra.

2. F'każijiet eċċezzjonali, l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri jistgħu jżommu d-data tal-ivvjaġġar għal perjodu addizzjonali sa 48 siegħa biss sa fejn tali data tirreferi għal passiġġieri li ma ppreżentawx ruħhom f'punt ta' qsim tal-fruntieri matul il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 188
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Thassir tad-data tal-ivvjaġġar
	1. L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri għandhom iħassru d-data tal-ivvjaġġar trażmessa f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod awtomatizzat, mill-bażi tad-data tal-punt ta' qsim tal-fruntieri immedjatament wara li l-vjaġġatur jaqsam il-fruntiera esterna.
	2. Meta l-vjaġġatur, li jkun issottometta data tal-ivvjaġġar f'konformità ma' dan ir-Regolament, ma jaqsamx il-fruntiera esterna, l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri għandhom iħassru, b'mod awtomatizzat, id-data tal-ivvjaġġar trażmessa 12-il siegħa wara d-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq.

Or. en

Emenda 189
Oliver Schenk, Krzysztof Brejza

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Żamma tad-data tal-ivvjaġġar
	1. L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri għandhom iżommu d-data tal-ivvjaġġar trażmessa f'konformità ma' dan ir-Regolament fil-bażi tad-data tal-punt ta' qsim tal-fruntieri għal tul ta' żmien permess mil-liġi applikabbli. Wara dan, id-data għandha titħassar b'mod awtomatizzat.

Or. en

Emenda 190
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-eu-LISA għandha tiżviluppa l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-komponenti tagħha f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati skont l-Artikolu 16(1), il-punt (a).	1. L-eu-LISA għandha tiżviluppa l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-komponenti tagħha f'konformità ***mal-Artikoli 7a u*** mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati skont l-Artikolu 16(1), il-punt (a).

Or. en

Emenda 191
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. L-eu-LISA għandha tiżgura l-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE kif ukoll is-sigurtà ***adegwata tagħha***. L-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tiġi ospitata mill-eu-LISA.	3. L-eu-LISA għandha tiżgura l-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE kif ukoll is-sigurtà ***tagħha tal-oġħla livell ta' żvilupp tekniku***. L-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tiġi ospitata mill-eu-LISA.

Or. en

Emenda 192
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-eu-LISA għandha tiżgura l-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE kif ukoll is-sigurtà ***adegwata*** tagħha. L-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tiġi ospitata mill-eu-LISA.	3. L-eu-LISA għandha tiżgura l-ġestjoni operazzjonali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE kif ukoll is-sigurtà ***infallibbli*** tagħha. L-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tiġi ospitata mill-eu-LISA.

Or. fi

Emenda 193
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-eu-LISA għandha tiżgura li l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tkun interoperabbli mal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali stabbilita skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014.	***imħassar***

Or. fi

Emenda 194

Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-eu-LISA għandha tiżgura li l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tkun interoperabbli mal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali stabbilita skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014.	4. L-eu-LISA għandha tiżgura li l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tkun interoperabbli mal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali stabbilita skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 ***għall-fini ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 195
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta l-eu-LISA tqis li l-iżvilupp tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ikun tlesta, hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, twettaq test tal-applikazzjoni f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri u awtoritajiet rilevanti oħra tal-Istati Membri, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati skont l-Artikolu 16(1), il-punt (c), u tinforma lill-Kummissjoni bl-eżitu ta' dak it-test.	5. Meta l-eu-LISA tqis li l-iżvilupp tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ikun tlesta, ***inkluż wara li twettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679,*** hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, twettaq test tal-applikazzjoni f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri u awtoritajiet rilevanti oħra tal-Istati Membri, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati skont l-Artikolu 16(1), il-punt (c), u tinforma lill-Kummissjoni bl-eżitu ta' dak it-test.

Or. en

Emenda 196
Oliver Schenk, Krzysztof Brejza

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-eu-LISA għandha tiġbor statistika dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (b).	6. L-eu-LISA għandha tiġbor statistika dwar ***id-data rilevanti għall-evalwazzjoni tal-użabbiltà, u l-effettività ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, u dwar*** l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (b)***, u data li tippermetti l-monitoraġġ u s-sorveljanza tar-rotot migratorji, inkluża statistika dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew miċħuda d-dħul, ir-raġunijiet għar-rifjut u n-nazzjonalità tal-persuni f'konformità mar-Regolament 2016/399. Tali statistika ma għandhiex tippermetti l-identifikazzjoni ta' vjaġġaturi individwali***.

Or. en

Emenda 197
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-eu-LISA għandha ***tiġbor*** statistika dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (b).	6. L-eu-LISA għandha ***tippubblika*** statistika ***mhux personali u anonimizzata*** dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (b)***, għall-iskop uniku li tevalwa l-effettività ta' dan ir-Regolament. Tali statistika ma għandhiex tippermetti l-identifikazzjoni ta' individwi***.

Or. en

Emenda 198
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-eu-LISA għandha ***tiġbor statistika dwar l-użu*** tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ***f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (b)***.	6. L-eu-LISA għandha ***tiżgura l-ġestjoni operazzjonali*** tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ***kif ukoll is-sigurtà infallibbli tagħha. L-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għandha tiġi ospitata mill-eu-LISA***.

Or. fi

Emenda 199
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-eu-LISA għandha tiġbor statistika dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (b).	6. L-eu-LISA għandha tiġbor statistika ***anonimizzata*** dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (b).

Or. bg

Emenda 200
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-eu-LISA għandha tiżgura li l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ma tittrasferixxi jew tiżvela l-ebda informazzjoni dwar l-użu, il-prestazzjoni jew il-funzjonament tagħha lil kwalunkwe parti terza.

Or. en

Emenda 201
Irena Joveva, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-eu-LISA għandha, qabel l-ipproċessar, twettaq valutazzjoni tal-impatt tal-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti fuq il-protezzjoni tad-data personali skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 202
Irena Joveva, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. L-eu-LISA għandha twettaq test annwali tal-penetrazzjoni u valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u għandha, f'każ ta' bidliet fl-arkitettura tas-sistema jew ta' ksur potenzjali jew reali li jista' jkollu impatt fuq il-protezzjoni tad-data, taġġorna l-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif xieraq.

Or. en

Emenda 203
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jkun	***imħassar***

responsabbli għal:

(a) l-iżgurar ta' konnessjoni sigura bejn is-sistema nazzjonali tiegħu u r-Router tal-Vjaġġatur biex jirċievi data trażmessa permezz tar-Router tal-Vjaġġaturi;

(b) l-iżvilupp, l-operazzjoni u l-manutenzjoni tal-konnessjoni msemmija fil-punt (a);

(c) il-ġestjoni u l-arranġamenti għall-aċċess ta' persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet tal-fruntieri għad-data riċevuta permezz tar-Router tal-Vjaġġatur għall-fini tat-twettiq ta' verifiki fuq il-fruntieri f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399.

Or. en

Emenda 204
Oliver Schenk, Krzysztof Brejza

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-iżgurar ta' konnessjoni sigura bejn is-sistema nazzjonali tiegħu u r-Router tal-Vjaġġatur biex jirċievi data trażmessa permezz tar-Router tal-Vjaġġaturi;	(a) l-iżgurar ta' konnessjoni sigura bejn is-sistema nazzjonali tiegħu u r-Router tal-Vjaġġatur biex jirċievi data trażmessa permezz tar-Router tal-Vjaġġaturi ***lill-awtoritajiet kompetenti***;

Or. en

Emenda 205
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-persunal tal-awtoritajiet tal-fruntieri li għandhom dritt ta' aċċess għad-data	2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-persunal tal-awtoritajiet tal-fruntieri li għandhom dritt ta' aċċess għad-data ***tal-***

trażmessa permezz tar-Router tal-Vjaġġatur b'taħriġ xieraq li jkopri, b'mod partikolari, ir-regoli dwar is-sigurtà tad-data u l-protezzjoni tad-data u d-drittijiet fundamentali applikabbli qabel ma jawtorizzahom jipproċessaw tali data.	***vjaġġaturi*** b'taħriġ xieraq li jkopri, b'mod partikolari, ir-regoli dwar is-sigurtà tad-data u l-protezzjoni tad-data u d-drittijiet fundamentali applikabbli qabel ma jawtorizzahom jipproċessaw tali data.

Or. en

Emenda 206
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-vjaġġaturi li ma jixtiqux jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE jew li jirtiraw il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data tagħhom jiġu pprovduti b'infrastrutturi tal-fruntieri li mhumiex DTC. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-użu tal-infrastrutturi li mhumiex DTC ma jiġix skoraġġut jew ikun żvantaġġuż meta mqabbel mal-ipproċessar tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.

Or. en

Emenda 207
Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, Jaroslav Bžoch, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Susanna Ceccardi, Afroditi Latinopoulou
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni ***mal-eu-LISA,*** l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ***u l-awtoritajiet*** nazzjonali ***tal-fruntieri,***	***L-Istati Membri għandhom, meta xieraq, iwettqu kampanji ta' informazzjoni biex jinfurmaw lill-pubbliku dwar l-objettivi, il-finijiet, l-operazzjonijiet ewlenin ta'***

tappoġġa l-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE b'kampanja ta' informazzjoni li tinforma lill-pubbliku dwar l-objettivi, il-finijiet, l-operazzjonijiet ta' pproċessar ewlenin u aspetti oħra tal-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data u l-każijiet ta' użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	***pproċessar, l-aspetti tal-protezzjoni tad-data u tas-sigurtà tad-data, u l-każijiet ta' użu potenzjali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE***, f'kooperazzjoni ***mal-Kummissjoni, l-eu-LISA u*** l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta***. Dawn il-kampanji għandhom iqisu l-kuntest*** nazzjonali ***speċifiku, inkluż jekk l-Istat Membru jkunx diġà implimenta jew ippilota l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali. Meta l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali diġà jkunu qed jintużaw u s-sensibilizzazzjoni pubblika tkun għolja biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jwettqux kampanji ta' informazzjoni addizzjonali***.

Or. en

Emenda 208
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri, tappoġġa l-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE b'kampanja ta' informazzjoni li tinforma lill-pubbliku dwar l-objettivi, il-finijiet, l-operazzjonijiet ta' pproċessar ewlenin u aspetti oħra tal-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data u l-każijiet ta' użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri, tappoġġa l-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE b'kampanja ta' informazzjoni li tinforma lill-pubbliku dwar l-objettivi, il-finijiet, l-operazzjonijiet ta' pproċessar ewlenin u aspetti oħra tal-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data***, inkluż id-dritt ta' rtirar tal-kunsens,*** u l-każijiet ta' użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.

Or. en

Emenda 209
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri, tappoġġa l-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE b'kampanja ta' informazzjoni li tinforma lill-pubbliku dwar l-objettivi, il-finijiet, l-operazzjonijiet ta' pproċessar ewlenin u aspetti oħra tal-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data u l-każijiet ta' użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri, tappoġġa l-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE b'kampanja ta' informazzjoni li ***tkun kosteffettiva, li*** tinforma lill-pubbliku dwar l-objettivi, il-finijiet, l-operazzjonijiet ta' pproċessar ewlenin u aspetti oħra tal-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data u l-każijiet ta' użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.

Or. fi

Emenda 210
Oliver Schenk, Krzysztof Brejza

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1(a) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, u l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri, għandha tistabbilixxi oqfsa ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi li jiffukaw fuq kampanji ta' informazzjoni mmirati għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar l-objettivi, il-benefiċċji u l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, bl-għan li jiġu żgurati l-ogħla adozzjoni possibbli tagħha u l-implimentazzjoni effettiva tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 211
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kostijiet imġarrba mill-eu-LISA fir-rigward tal-iżvilupp, l-operazzjoni, l-ospitar u l-ġestjoni teknika tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE skont dan ir-Regolament għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.	1. Il-kostijiet imġarrba mill-eu-LISA fir-rigward tal-iżvilupp, l-operazzjoni, l-ospitar u l-ġestjoni teknika tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE skont dan ir-Regolament għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. ***L-applikazzjoni għandha tiġi żviluppata b'mod kosteffettiv.***

Or. fi

Emenda 212
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kostijiet imġarrba mill-Istati Membri fir-rigward tal-iżvilupp, l-operazzjoni u l-manutenzjoni tal-konnessjonijiet siguri tagħhom biex jirċievu data trażmessa permezz tar-Router tal-Vjaġġatur għandhom jiġġarrbu mill-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 213
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1
Artikolu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Fuq talba mill-applikant, il-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom stess għandhom ikunu akkumpanjati minn kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, li għandu:	***Il-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa ġodda mill-Istati Membri jew*** fuq talba mill-applikant, il-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa ***preċedentement*** mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom stess għandhom ikunu akkumpanjati minn kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, li għandu:

Or. en

Emenda 214
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1
Artikolu 1 – paragrafu 1a – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikun f'format li jippermetti l-ħżin tiegħu fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, li d-dispożizzjonijiet għalihom huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 215
Jan-Christoph Oetjen, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikun f'format li jippermetti l-ħżin tiegħu fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, li d-dispożizzjonijiet għalihom huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	(b) ikun f'format li jippermetti l-ħżin tiegħu fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ***bħala QEAA***, li d-dispożizzjonijiet għalihom huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Or. en

Emenda 216
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1
Artikolu 1 – paragrafu 1a – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***ikun*** mingħajr ħlas;	(c) ***ikunu*** mingħajr ħlas ***meta dokument tal-ivvjaġġar ikun qed jiġi mġedded***;

Or. fi

Emenda 217
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1
2252/2004
Artikolu 1 – paragrafu ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ikun fih l-istess data personali***, inkluża l-immaġni tal-wiċċ,*** bħall-passaport jew id-dokument tal-ivvjaġġar li abbażi tiegħu jinħareġ jew jinħoloq.	(d) ikun fih l-istess data personali bħall-passaport jew id-dokument tal-ivvjaġġar li abbażi tiegħu jinħareġ jew jinħoloq.

Or. en

Emenda 218
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1
2252/2004
Artikolu 1 – paragrafu ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini tal-punt (d), il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali maħruġa jew maħluqa skont dan l-Artikolu ma għandhomx	Għall-fini tal-punt (d), il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali maħruġa jew maħluqa skont dan l-Artikolu ma għandhomx

jinkludu l-marki tas-swaba' tad-detentur.	jinkludu l-marki tas-swaba' ***jew l-immaġni tal-wiċċ*** tad-detentur.

Or. en

Emenda 219
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 3
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu li ġej:	***imħassar***
"4. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, involuti fil-proċess tal-qsim tal-fruntieri esterni, jaċċessaw il-medium ta' memorja fil-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar, bl-eċċezzjoni tal-marki tas-swaba', bil-kunsens tal-persuna li lilha jkun inħareġ il-passaport jew id-dokument tal-ivvjaġġar."	

Or. en

Emenda 220
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 3
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, involuti fil-proċess tal-qsim tal-fruntieri esterni, jaċċessaw il-medium ta' memorja fil-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar, bl-eċċezzjoni tal-marki tas-swaba', bil-kunsens tal-persuna li lilha jkun inħareġ il-passaport jew id-dokument	4. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***inklużi t-trasportaturi tal-ajru,*** involuti fil-proċess tal-qsim tal-fruntieri esterni, jaċċessaw il-medium ta' memorja fil-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar, bl-eċċezzjoni tal-marki tas-swaba', bil-kunsens tal-persuna li lilha jkun inħareġ il-

tal-ivvjaġġar.	passaport jew id-dokument tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 221
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 3
2252/2004
Artikolu 4 – paragrafu ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, involuti fil-proċess tal-qsim tal-fruntieri esterni, jaċċessaw il-medium ta' memorja fil-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar, bl-eċċezzjoni tal-marki tas-swaba', bil-kunsens tal-persuna li lilha jkun inħareġ il-passaport jew id-dokument tal-ivvjaġġar.	4. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, involuti fil-proċess tal-qsim tal-fruntieri esterni, jaċċessaw il-medium ta' memorja fil-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar, bl-eċċezzjoni tal-marki tas-swaba' ***u l-immaġnijiet tal-wiċċ***, bil-kunsens tal-persuna li lilha jkun inħareġ il-passaport jew id-dokument tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 222
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 1
Artikolu 2 – punt 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
33. "verifika bil-quddiem fuq il-fruntiera" tfisser il-verifiki mwettqa fuq persuni li jgawdu mid-dritt għal-libertà tal-moviment skont id-dritt tal-Unjoni abbażi ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u data rilevanti oħra;	***imħassar***

Or. en

Emenda 223
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 1
Artikolu 2 – punt 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
34. "awtorizzazzjoni bil-quddiem" tfisser il-verifika tal-issodisfar ta' xi wħud mill-kundizzjonijiet tad-dħul jew tal-kundizzjonijiet kollha tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi abbażi ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u data rilevanti oħra u li jappoġġaw it-twettiq ta' verifiki fuq il-fruntieri.	***imħassar***
**** Ir-Regolament (UE) …/… ta' … li jistabbilixxi applikazzjoni għas-sottomissjoni elettronika ta' data tal-ivvjaġġar ("applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE") u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/399 u (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004, fir-rigward tal-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali (ĠU…), […], p. […], ELI: …).].***	
***** Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1).***	
****** Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) …./…. ta' … dwar il-ħruġ ta' -kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità u l-istandards tekniċi tagħhom (ĠU L …], […], p. […], ELI:…).;***	

Or. en

Emenda 224
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Artikolu 8 – paragrafu 2g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżdied il-paragrafu li ġej:	***imħassar***
“2g. Il-verifiki msemmija fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu għandhom jitwettqu minn qabel mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final] , meta d-data tkun waslet f’konformità mal-Artikolu 8ba(1) ta’ dan ir-Regolament. Meta dawk il-verifiki jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista’ tiġi vverifikata fil-punt ta’ qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għandhom jiġu vverifikati.	
Qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final], il-verifiki msemmija fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu jistgħu jitwettqu bil-quddiem mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, meta d-data tkun ġiet riċevuta minn qabel abbażi tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali. Meta dawk il-verifiki jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista’ tiġi vverifikata fil-punt ta’ qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għandhom jiġu vverifikati.;	
””	

Or. en

Emenda 225
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Artikolu 8 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-verifiki msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jitwettqu minn qabel mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final] , meta d-data tkun waslet f'konformità mal-Artikolu 8ba(1) ta' dan ir-Regolament. Meta dawk il-verifiki jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista' tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għandhom jiġu vverifikati.	Il-verifiki msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jitwettqu minn qabel mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final], meta d-data tkun waslet f'konformità mal-Artikolu 8ba(1) ta' dan ir-Regolament. Meta dawk il-verifiki jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista' tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità***, il-validità*** u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għandhom jiġu vverifikati.

Or. bg

Emenda 226
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Artikolu 8 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final], il-verifiki msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-	Qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final], il-verifiki msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-

Artikolu jistgħu jitwettqu bil-quddiem mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, meta d-data tkun ġiet riċevuta minn qabel abbażi tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali. Meta dawk il-verifiki jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista' tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew ***tal-kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali għandhom jiġu vverifikati.***;***	Artikolu jistgħu jitwettqu bil-quddiem mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, meta d-data tkun ġiet riċevuta minn qabel abbażi tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali. Meta dawk il-verifiki jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista' tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità***, il-validità*** u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew ***tal-kredenzjal*** tal-ivvjaġġar diġitali għandhom jiġu vverifikati.

Or. bg

Emenda 227
Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, Jaroslav Bžoch, António Tânger Corrêa, Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Susanna Ceccardi, Afroditi Latinopoulou
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt 2g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2ga. L-għażla ta' vjaġġatur li jippreżenta biss dokument tal-ivvjaġġar fiżiku minflok kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali ma għandhiex tirriżulta fi trattament diskriminatorju jew inqas favorevoli matul il-verifiki fuq il-fruntieri.B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali vjaġġaturi ma jkunux soġġetti għal ħinijiet ta' stennija itwal b'mod sproporzjonat jew għal pożijiet proċedurali meta mqabbla ma' vjaġġaturi li jużaw il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali.
	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa fil-proċeduri ta' kontroll fuq il-fruntieri, fil-ġestjoni tal-kju u fl-allokazzjoni tar-riżorsi tagħhom biex jiggarantixxu trattament ġust,

proporzjonat u mhux diskriminatorju tal-vjaġġaturi kollha, irrispettivament mill-forma li biha d-dokument tal-ivvjaġġar tagħhom jiġi ppreżentat.

Or. en

Emenda 228
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-paragrafu 3, jiżdied il-punt li ġej:	***imħassar***
"(j) meta kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali ikun ġie riċevut minn qabel, għandu japplika l-paragrafu 3a ta' dan l-Artikolu.;"	

Or. en

Emenda 229
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Artikolu 8 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:	***imħassar***
"3a. L-issodisfar tal-kundizzjonijiet tad-dħul imsemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament għandu jiġi vverifikat minn qabel mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final] , meta d-data tkun ġiet riċevuta f'konformità mal-Artikolu 8ba(2) ta' dan ir-Regolament. Meta dawk il-verifiki	

jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista' tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għandhom jiġu vverifikati.

Qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final] , l-issodisfar tal-kundizzjonijiet tad-dħul imsemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament jista' jitwettaq minn qabel mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, meta d-data tkun ġiet riċevuta minn qabel abbażi tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. Meta dawk il-verifiki jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista' tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għandhom jiġu vverifikati.;

"”

Or. en

Emenda 230
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Artikolu 8 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-issodisfar tal-kundizzjonijiet tad-dħul imsemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament għandu jiġi vverifikat minn qabel mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-	L-issodisfar tal-kundizzjonijiet tad-dħul imsemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament għandu jiġi vverifikat minn qabel mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-

data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final] , meta d-data tkun ġiet riċevuta f'konformità mal-Artikolu 8ba(2) ta' dan ir-Regolament. Meta dawk il-verifiki jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista' tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għandhom jiġu vverifikati.	data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final], meta d-data tkun ġiet riċevuta f'konformità mal-Artikolu 8ba(2) ta' dan ir-Regolament. Meta dawk il-verifiki jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista' tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità***, il-validità*** u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għandhom jiġu vverifikati.
	Or. bg

Emenda 231
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Artikolu 8 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final] , l-issodisfar tal-kundizzjonijiet tad-dħul imsemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament jista' jitwettaq minn qabel mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, meta d-data tkun ġiet riċevuta minn qabel abbażi tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. Meta dawk il-verifiki jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista' tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew ***tal-kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali għandhom jiġu	Qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE, kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) …/… [COM(2024) 670 final] , l-issodisfar tal-kundizzjonijiet tad-dħul imsemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament jista' jitwettaq minn qabel mhux aktar minn 36 siegħa qabel id-data u l-ħin maħsuba tal-wasla jew tat-tluq, meta d-data tkun ġiet riċevuta minn qabel abbażi tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. Meta dawk il-verifiki jitwettqu bil-quddiem, id-data riċevuta tista' tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-data fid-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali. L-identità tal-persuna kkonċernata kif ukoll l-awtenticità***, il-validità*** u l-integrità tad-dokument tal-ivvjaġġar fiżiku jew ***tal-kredenzjal*** tal-ivvjaġġar diġitali għandhom

vverifikati.*;*	jiġu vverifikati.

Or. bg

Emenda 232
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d
Artikolu 8 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tat-teknoloġija, il-metodi u l-proċeduri li għandhom jintużaw għall-verifika tal-awtenticità u l-validità ***tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, inklużi l-permessi ta' residenza, il-viżi u l-viżi għal soġġorn twil, u l-kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali skont dan l-Artikolu.	Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tat-teknoloġija, il-metodi u l-proċeduri li għandhom jintużaw għall-verifika tal-awtenticità u l-validità ***tal-kredenzjali*** tal-ivvjaġġar diġitali skont dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 233
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 3
Artikolu 8a – paragrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) fl-Artikolu 8a, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:	***imħassar***
"4a. Alternattivament għall-paragrafu 4, il-punt (b)(ii), il-verifika tista' titwettaq:	
bl-użu ta' miżuri tekniċi effettivi u proporzjonati u;	
(a) bit-twettiq tal-verifiki aleatorji msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (b)(ii).	
(b) Din il-verifika alternattiva ma	

għandhiex tiddependi biss fuq l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.;

””

Or. en

Emenda 234
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 4
Artikolu 8ba – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-persuni li jgawdu mid-dritt għal-libertà tal-moviment skont id-dritt tal-Unjoni li jkunu fil-pussess ta' kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jistgħu jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għall-finijiet ta' verifiki ***bil-quddiem*** fuq il-fruntieri f'konformità mal-Artikolu ***8(2g)***.	1. Il-persuni li jgawdu mid-dritt għal-libertà tal-moviment skont id-dritt tal-Unjoni li jkunu fil-pussess ta' kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jistgħu jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għall-finijiet ta' verifiki fuq il-fruntieri f'konformità mal-Artikolu ***8(2)***.

Or. en

Emenda 235
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 4
Artikolu 8ba – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi dawk soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES, jistgħu jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għall-finijiet ta' ***awtorizzazzjoni bil-quddiem*** f'konformità mal-Artikolu 8(3)***, il-punt (j)***.	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi dawk soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES, jistgħu jużaw l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għall-finijiet ta' ***verifiki fuq il-fruntieri*** f'konformità mal-Artikolu 8(3).

Or. en

Emenda 236
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-data minn meta l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tibda topera permezz ta' att ta' implimentazzjoni ladarba l-eu-LISA tkun infurmat lill-Kummissjoni dwar it-tlestija b'suċċess tat-test tal-applikazzjoni msemmi fl-Artikolu 8(5).	1. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-data minn meta l-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE tibda topera permezz ta' att ta' implimentazzjoni ladarba l-eu-LISA tkun infurmat lill-Kummissjoni dwar it-tlestija b'suċċess tat-test tal-applikazzjoni msemmi fl-Artikolu 8(5). ***It-tlestija tat-test tal-applikazzjoni mill-eu-LISA ma għandhiex tkun aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Id-data ddeterminata mill-att ta' implimentazzjoni ma għandhiex tkun aktar tard minn sitt xhur wara t-tlestija tat-test tal-applikazzjoni.***

Or. en

Emenda 237
Oliver Schenk, Krzysztof Brejza

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tistabbilixxi l-arkitettura teknika tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni għall-apparati mobbli, is-servizzi backend u r-Router tal-Vjaġġatur;	(a) tistabbilixxi l-arkitettura teknika tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni għall-apparati mobbli, is-servizzi backend u r-Router tal-Vjaġġatur***, filwaqt li tiżgura l-ogħla standards ta' sigurtà, protezzjoni tad-data, u interoperabbiltà mas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, l-ETIAS u l-API***;

Or. en

Emenda 238
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tistabbilixxi l-arkitettura teknika tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni għall-apparati mobbli***, is-servizzi backend u r-Router tal-Vjaġġatur***;	(a) tistabbilixxi l-arkitettura teknika tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjoni għall-apparati mobbli ***u s-servizzi backend***;

Or. en

Emenda 239
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tistabbilixxi l-istatistika li għandha tingħabar mill-eu-LISA dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 240
Oliver Schenk, Krzysztof Brejza

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tistabbilixxi l-istatistika li għandha tingħabar mill-eu-LISA dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE;	(b) tistabbilixxi l-istatistika li għandha tingħabar mill-eu-LISA dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE ***meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, l-użabbiltà, u l-effettività ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar***

Diġitali tal-UE;

Or. en

Emenda 241
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tistabbilixxi l-istatistika li għandha tinġabar mill-eu-LISA dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE;	(b) tistabbilixxi l-istatistika ***mhux personali u anonimizzata*** li għandha tinġabar mill-eu-LISA ***għall-iskop uniku li tevalwa l-effettività ta' dan ir-Regolament*** dwar l-użu tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE;

Or. en

Emenda 242
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-eu-LISA għandha ***tiżgura li jkun hemm fis-seħħ*** proċeduri għall-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE fid-dawl tal-objettivi relatati mal-ippjanar u l-kostijiet u għall-monitoraġġ tal-funzjonament tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE fid-dawl tal-objettivi relatati mal-output tekniku, il-kosteffettività, is-sigurtà u l-kwalità tas-servizz.	1. L-eu-LISA għandha ***tistabbilixxi*** proċeduri għall-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE fid-dawl tal-objettivi relatati mal-ippjanar u l-kostijiet u għall-monitoraġġ tal-funzjonament tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE fid-dawl tal-objettivi relatati mal-output tekniku, il-kosteffettività, is-sigurtà u l-kwalità tas-servizz.

Or. en

Emenda 243
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sal-1 ta' Jannar 2028 u kull ***tnax-il xahar*** minn hemm 'il quddiem matul il-fażi tal-iżvilupp, l-eu-LISA għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	2. Sal-1 ta' Jannar 2028 u kull ***sitt xhur*** minn hemm 'il quddiem matul il-fażi tal-iżvilupp, l-eu-LISA għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.

Or. en

Emenda 244
Jan-Christoph Oetjen, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet imġarrba u informazzjoni dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq il-kostijiet ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE li għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni teknika tal-proġett u kwalunkwe problema teknika u riskju li jista' jkollhom impatt fuq l-iżvilupp ġenerali u l-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.	3. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet imġarrba u informazzjoni dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq il-kostijiet ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE li għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni teknika tal-proġett u kwalunkwe problema teknika u riskju li jista' jkollhom impatt fuq ***is-sigurtà tad-data tal-ivvjaġġar u*** l-iżvilupp ġenerali u l-bidu tal-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE.

Or. en

Emenda 245
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Sa… [***ħames snin*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-użu tagħha. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ġenerali stabbilit fuq din il-bażi għandu jinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u eżami tar-riżultati li nkisbu b'rabta mal-objettivi li kienu stabbiliti u tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni ġenerali ta' jekk ir-raġunament sottostanti għall-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għadux jeżisti, tal-adegwatezza tal-karatteristiċi tekniċi tal-applikazzjoni, tas-sigurtà tal-applikazzjoni u ta' kwalunkwe implikazzjoni għal operazzjonijiet futuri. L-evalwazzjoni għandha tinkludi r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.	5. Sa… [***sentejn*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE] ***u kull erba' snin wara dan***, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-użu tagħha. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ġenerali stabbilit fuq din il-bażi għandu jinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u eżami tar-riżultati li nkisbu b'rabta mal-objettivi li kienu stabbiliti u tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni ġenerali ta' jekk ir-raġunament sottostanti għall-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għadux jeżisti, tal-adegwatezza tal-karatteristiċi tekniċi tal-applikazzjoni, tas-sigurtà tal-applikazzjoni u ta' kwalunkwe implikazzjoni għal operazzjonijiet futuri. L-evalwazzjoni għandha tinkludi r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

Or. en

Emenda 246
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Sa… [***ħames snin*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-użu tagħha. Ir-rapport ta' evalwazzjoni	5. Sa… [***sentejn*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE] ***u kull sentejn wara dan***, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-użu tagħha.

ġenerali stabbilit fuq din il-bażi għandu jinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u eżami tar-riżultati li nkisbu b'rabta mal-objettivi li kienu stabbiliti u tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni ġenerali ta' jekk ir-raġunament sottostanti għall-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għadux jeżisti, tal-adegwatezza tal-karatteristiċi tekniċi tal-applikazzjoni, tas-sigurtà tal-applikazzjoni u ta' kwalunkwe implikazzjoni għal operazzjonijiet futuri. L-evalwazzjoni għandha tinkludi r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

Ir-rapport ta' evalwazzjoni ġenerali stabbilit fuq din il-bażi għandu jinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u eżami tar-riżultati li nkisbu b'rabta mal-objettivi li kienu stabbiliti u tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni ġenerali ta' jekk ir-raġunament sottostanti għall-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għadux jeżisti, tal-adegwatezza tal-karatteristiċi tekniċi tal-applikazzjoni, tas-sigurtà tal-applikazzjoni u ta' kwalunkwe implikazzjoni għal operazzjonijiet futuri. L-evalwazzjoni għandha tinkludi r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

Or. en

Emenda 247
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Sa… [ħames snin wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-użu tagħha. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ġenerali stabbilit fuq din il-bażi għandu jinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u eżami tar-riżultati li nkisbu b'rabta mal-objettivi li kienu stabbiliti u tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni ġenerali ta' jekk ir-raġunament sottostanti għall-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għadux jeżisti, tal-adegwatezza tal-	5. Sa… [ħames snin wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-użu tagħha. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ġenerali stabbilit fuq din il-bażi għandu jinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u eżami tar-riżultati li nkisbu b'rabta mal-objettivi li kienu stabbiliti u tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali ***u fuq il-ġestjoni tal-fruntieri***. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni ġenerali ta' jekk ir-raġunament sottostanti għall-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-

karatteristiċi tekniċi tal-applikazzjoni, tas-sigurtà tal-applikazzjoni u ta' kwalunkwe implikazzjoni għal operazzjonijiet futuri. L-evalwazzjoni għandha tinkludi r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

UE għadux jeżisti, tal-adegwatezza tal-karatteristiċi tekniċi tal-applikazzjoni, tas-sigurtà tal-applikazzjoni u ta' kwalunkwe implikazzjoni għal operazzjonijiet futuri. L-evalwazzjoni għandha tinkludi r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

Or. fi

Emenda 248
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Sa… [***ħames snin*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-użu tagħha. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ġenerali stabbilit fuq din il-bażi għandu jinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u eżami tar-riżultati li nkisbu b'rabta mal-objettivi li kienu stabbiliti u tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni ġenerali ta' jekk ir-raġunament sottostanti għall-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għadux jeżisti, tal-adegwatezza tal-karatteristiċi tekniċi tal-applikazzjoni, tas-sigurtà tal-applikazzjoni u ta' kwalunkwe implikazzjoni għal operazzjonijiet futuri. L-evalwazzjoni għandha tinkludi r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea	5. Sa… [***sentejn*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE u l-użu tagħha. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ġenerali stabbilit fuq din il-bażi għandu jinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u eżami tar-riżultati li nkisbu b'rabta mal-objettivi li kienu stabbiliti u tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni ġenerali ta' jekk ir-raġunament sottostanti għall-operazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE għadux jeżisti, tal-adegwatezza tal-karatteristiċi tekniċi tal-applikazzjoni, tas-sigurtà tal-applikazzjoni u ta' kwalunkwe implikazzjoni għal operazzjonijiet futuri. L-evalwazzjoni għandha tinkludi r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea

għad-Drittijiet Fundamentali.	għad-Drittijiet Fundamentali.

Or. en